**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 14 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 50/11 JZM**

**Michael Debono (bil-Karta tal-Identita` Numru 240268M) nominat b`digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) tat-18 ta` Settembru, 2009 bhala *trustee* ta` "The J. Saliba Trusts` u Mary Saliba (ID. 2855G)**

***kontra***

**Mario Debono (bil-Karta tal-Identita` 385366M) f`ismu proprju u kif ukoll bhala segretarju u direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

## 1. <u>Ir-rikors promotur</u>

Ir-rikors li bih kienet promossa l-azzjoni odjerna kienipprezentat fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili fid-<u>19 ta` Jannar 2011</u>.

Jaqra hekk :

*Illi sal-gurnata tal-prezentata ta` dan ir-rikors, l-intimat Mario Debono huwa direttur u segretarju uniku fil-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) (Dok A u B).*

*Illi l-intimat huwa wkoll azzjonist fiz-zewg kumpanniji f`dawn il-kwoti u cioe` hamsa u tletin elf (35,000) ishma fully-paid up ghall-valur ta` zewg euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija The Village Pharmacy Limited (C29487) u sebgha u ghoxrin elf u hames mitt (27,500) ishma fully-paid up ghall-valur ta` zewg euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija Karizia Company Limited (C8001).*

*Illi l-azzjonist l-iehor, id-defunt Joseph Saliba, ir-ragel tal-esponent Mary Saliba, qabel il-mewt tieghu fil-25 ta` Settembru 2007 (certifikat tal-mewt tieghu anness u mmarkat bhala Dok.C), kien jiddetjeni fis-socjeta` The Village Pharmacy Limited (C29487), ghaxart elef (10,000) sehem (fully paid up) ghall-valur ta` zewg euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed, u elfejn u hames mitt (2,500) sehem (fully paid up) zewg euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija Karizia Company Limited (C8001).*

*Illi in forza tal-ahhar testment revokatorju tieghu datat 18 ta` Settembru 2007 in atti Nutar Dottor Pierre Attard (Dok.D), l-imsemmi defunt Joseph Saliba kien innomina u istitwixxa lil Julius Nehorai (bil-Karta tal-Identita` Numru 0026843A) bhala eredi uniku u universali tieghu sabiex jircievi u jzomm l-assi ereditarji tieghu on trust bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts".*

*Illi b`digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja)*

*tat-18 ta` Settembru 2009, l-esponent Michael Debono gie nominat b`effett mit-23 ta` Jannar 2009, bhala t-trustee l-gdid ta` "The J. Saliba Trusts" minflok l-istess Julius Nehorai (Dok.E).*

*Illi bis-sahha tal-imsemmi testment u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 20 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema artikoli ma gewx eskluzi fl-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi tas-socjetajiet The Village Pharmacy Limited (C29487) – Dok.F u Karizia Company Limited (C8001) – Dok.G – u ghaldaqstant japplikaw daqs li kieku kienu fihom ghalkemm l-esponent Michael Debono bhala trustee tal-imsemmija "The J. Saliba Trusts" mhuwiex id-detentur registrat tal-ishma gia` appartenenti lid-defunt Joseph Saliba, huwa xorta wahda jippossjedi l-jeddijiet kollha fuq in-nofs indiviz tal-istess ishma (fosthom id-dritt ghad-dividendi) apparti d-drittijiet spettanti lill-azzjonisti fir-rigward tal-laqghat tal-kumpannija.*

*Illi min-naha l-ohra, l-esponenti Mary Saliba tippossjedi l-jeddijiet kollha fuq in-nofs indiviz l-iehor fuq l-istess ishma stante illi dawn kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti mad-defunt zewgha Joseph Saliba.*

*Illi permezz tal-ittri tieghu datati 14 ta` Lulju 2010 (Dok.H u I) indirizzati lilu nnifsu qua segretarju tas-socjetajiet rispettivi, l-intimat fil-kapacita` tieghu ta` azzjonist fl-istess socjetajiet, informa lill-istess segretarju illi huwa inter alia ma kienx qieghed japprova r-registrazzjoni tal-eredi (u allura tal-esponent Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts") bhala membru f`tali kumpanniji, u talbu jqabbad lill-awdituri sabiex ai termini tal-Artikolu 4(i) u (j) tal-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettiv, jistabilixxu l-prezz tal-ishma tad-defunt Joseph Saliba fuq il-bazi tal-ahhar audited accounts sabiex eventwalment dawn jigu offruti lilu u effettivament jakkwista u jixtri tali ishma.*

*Illi bhala "membri" tal-kumpanniji rispettivi ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mir-rimedji li taghtihom il-ligi taht l-istess artikolu u jitolbu l-protezzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti u dana peress illi l-agir fuq imsemmi tal-intimat x`aktarx ser jirrekalhom pregudizzju b`mod ingust (unfairly prejudicial) u dan ghas-segwenti ragunijiet –*

*i. Illi ghaliex fir-rigward tal-kumpannija The Village Pharmacy Limited (C29487), l-ebda audited accounts ma gew sottomessi lir-Registratur tal-Kumpanniji sa mit-twaqqif taghha. Dan ifisser illi l-*

*awdituri tal-kumpannija ma jistghux jistmaw il-prezz tal-ishma tad-defunt Joseph Saliba f`tali kumpannija peress illi ai termini tal-Artikolu 4(i) tal-Artikli tal-Assocjazzjoni, dan jista` jsir biss abbazi tal-ahhar audited accounts.*

*ii. Illi ghaliex fir-rigward tal-kumpannija Karizia Company Limited (C8001), l-ahhar audited accounts illi gew sottomessi lir-Registratur tal-Kumpanniji jkopru s-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta` Marzu 2002. Dan ifisser illi l-intimat qua segretarju ta` din il-kumpannija qieghed jippretendi illi l-awdituri tal-kumpanniji jistmaw il-prezz tal-ishma tad-defunt Joseph Saliba fl-istess kumpannija fuq accounts li jmorru lura izjed minn tmien snin. Jekk jithalla jigri dan, ikun inevitabbli illi l-esponenti jsofru pregudizzju serju peress illi l-ishma in kwistjoni jigu stmati bi prezz baxx hafna u minghajr ma tittiehed l-ebda konsiderazzjoni taz-zieda konsiderevoli fil-valur ta` dawn l-ishma matul l-ahhar snin.*

*iii. Illi ghaliex il-bord tad-diretturi taz-zewg kumpanniji rispettivi, kif komposti, u cioe` minn direttur wiehed biss (l-intimat innifsu), ma ghandhom l-ebda setgha biex jagixxu f`isem il-kumpannija ghajr biex izidu n-numru ta` diretturi ghal tnejn (2) jew ghajr biex isejhu laqghat generali tal-kumpanniji. Dan qed jinghad ghaliex l-Artikolu 2(d)(i) tal-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi jghid illi l-kworum necessarju ghat-tmexxija tax-xoghol tal-Bord tad-Diretturi huwa tnejn. F`kaz illi ma jigix iffurmat dan il-kworum, l-Artikolu 64 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 (liema artikolu ma giex eskluz fl-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi u allura japplika daqs li kieku kien fihom) jipprovdi hekk -*

*"Id-diretturi li jkunu baqghu fil-kariga jistghu jagixxu ghalkemm ikun hemm xi vakanza fil-korp taghhom, izda jekk u sakemm in-numru taghhom ma jinzilx taht in-numru stabbilit jew skond ir-regolamenti tal-kumpannija bhala l-quorum ta` diretturi mehtieg, id-diretturi jew direttur li jkun baqa` fil-kariga jista` jagixxi biex izid in-numru ta` diretturi ghal dak in-numru, jew biex isejjah laqgha generali tal-kumpannija, <u>izda ghal ebda skop iehor</u>."*

*iv. Illi, ghaliex ghalkemm l-Artikolu 4(h) tal-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi jaghti l-fakolta` lill-membri sabiex jirrifjutaw ir-registrazzjoni ta` eredi (li mhuwiex dixxendent f`linja diretta jew li m`huwiex membru iehor fil-kumpannija) bhala azzjonist, il-ligi permezz tal-Artikolu 119(5) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta (u tal-Artikoli 14 u 17 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-istess kap, liema artikoli ma gewx eskluzi fl-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi u allura japplikaw daqs li kieku kien fihom) ma taghtix dan id-dritt lill-azzjonisti imma thalli tali ghazla lill-kumpannija nnfisha tramite l-Bord tad-Diretturi taghha. Ghaldaqstant*

*kwalunkwe rifjut mill-intimat qua azzjonista ghar-registrazzjoni tal-esponent Michael Debono bhala membru fil-kumpanniji msemmija huwa null u invalidu, filwaqt li kwalunkwe rifjut mill-intimat qua direttur ikun agir ultra vires il-poteri u setghat tal-Bord tad-Diretturi ai termini tal-Artikolu 64 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 fuq imsemmi.*

*v. Illi ghaliex l-artikolu li fuqu l-intimat qed jibbaza l-agir tieghu, u cioe` l-artikolu 4(i) tal-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi, kuntrarjament ghall-interpetazzjoni konvenjenti li qed jaghtiha l-intimat, ma jaghti l-ebda poter jew dritt lill-kumpannija sabiex tipprocedi bil-bejgh tal-ishma tad-defunt Joseph Saliba. Dan l-artikolu jghid -*

*"Any person being an heir and who does not become entitled for registration of the inherited shares shall, within three months from date of death of holder or shares, give notice to the directors in writing by registered post. The notice, on the lapse of three months from date of death of holder of shares, shall constitute the company his agent for the sale of the said shares to the members of the company at the price to be assessed by the auditor/s of the company on the basis of the last audited accounts."*

*Illi fl-ittri fuq imsemmija, l-intimat jippretendi li l-kumpannija tipprocedi bil-bejgh ta` tali ishma semplicement ghaliex wara li ghaddew izjed minn tlett xhur mill-mewt tal-azzjonist Joseph Saliba, "no notice in writing has been received from the heirs who are not entitled for registration". Madankollu din il-pretensjoni hija erronja ghaliex galadarba l-esponent Michael Debono qatt ma baghat tali avviz bil-miktub u b`ittra registrata, allura ma jezisti l-ebda avviz li jista` jigi meqjus bhala li qed jaghti agenzija lill-kumpannija sabiex tipprocedi bil-bejgh tal-ishma. Wisq probabbli illi l-artikolu 4(i) huwa riproduzzjoni tal-artikolu 4(c) tal-istess Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi, liema artikolu jintuza meta membru fil-kumpannija jkun irid jittrasferixxi xi ishma minn tieghu. F`dak il-kaz, dak il-membru ghandu jaghti avviz bil-miktub lill-Bord tad-Diretturi bl-intenzjoni tieghu illi jbiegh l-ishma, liema avviz imbaghad jigi meqjus bhala li jaghti agenzija lill-kumpannija sabiex tipprocedi bil-bejgh ta` dawk l-ishma lill-membri tal-kumpannija. F`dan il-kaz, pero` fejn si tratta ta` trasmissjoni causa mortis u mhux ta` trasferiment inter vivos, ma hemm l-ebda persuna illi baghtet xi avviz bil-miktub lill-kumpanniji rispettivi bl-intenzjoni taghha illi tigi registrata bhala azzjonarja.*

*Illi f`dawn is-sitwazzjonijiet, il-ligi (Artikolu 21 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) tipprotegi lill-kumpannija billi taghti d-dritt lid-diretturi sabiex jekk iridu, huma stess jibghatu avviz lill-eredi sabiex fi zmien disghin (90) gurnata dan jew jaghzel li jkun registrat huwa stess jew inkella jittrasferixxi l-ishma. F`kaz illi jiskadi dan i-terminu u l-eredi jibqa` inadempjenti, id-diretturi jkollhom id-dritt*

*izommu l-hlas kollu ta` dividendi, bonuses jew flejjes ohra rigwardanti dak l-ishma u dan sakemm l-eredi jaghmel l-ghazla tieghu.*

*Illi l-Artikolu 21 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta huwa appuntu intiz sabiex jevita sitwazzjonijiet kwazi abbusivi fejn persuna li, minghajr ma tkun taf, tkun wirtet xi azzjonijiet f`kumpannija, issib, zmien wara, illi dawk l-ishma jkunu gew ad insaputa taghha u naturalment minghajr il-kunsens taghha, offruti u mibjugha lil membri ohra f`dik il-kumpannija. Huwa car illi l-intimat qieghed jipprova johloq proprju din is-sitwazzjoni abbuziva billi malizzjozament jinterpreta l-artikolu 4(i) tal-Artikli tal-Assocjazzjoni rispettivi kif jaqbel lilu.*

*vi. Illi ghaliex permezz ta` korrispondenza u ittri mahruga (ara fost ohra, Dok H u I li gew ikkupjati lil esponenti, kif ukoll Dok J, K u L li gew mibghuta lill-esponent Michael Debono, u Dok M – korrispondenza bejn l-intimat u l-esponent Michael Debono} qua direttur tal-kumpanniji rispettivi, l-intimat b`mod tacitu diga` accetta lill-esponenti kollettivament bhala l-azzjonist successur tal-ishma gia` appartjanenti lid-defunt Joseph Saliba.*

*vii. Illi ghaliex fi kwalunkwe kaz, ir-rifjut mill-intimat ghar-registrazzjoni tal-esponent Michael Debono bhala membru fil-kumpanniji msemmija ma huwa xejn hlief agir malizzjuz u mala fede tal-intimat illi jrid akkost ta` kollox jivvessa u jimmolesta d-drittijiet tal-istess esponenti fuq tali ishma. Din il-mala fede tohrog bic-car mhux l-anqas ghaliex l-intimat Mario Debono ta bidu ghal dan l-agir tieghu proprju fl-istess zmien illi giet intavolata kawza kontrih mill-esponenti (fost partijiet ohra) ghar-rexissjoni ta` zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji, fi zmien meta d-defunt Joseph Saliba kien ghadu haj, peress illi dawn kienu saru b`atti ta` simulazzjoni.*

*viii. Illi limitatament ghall-esponenti Mary Saliba, minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija li japplikaw mutatis mutandi ghaliha, l-agir fuq imsemmi tal-intimat x`aktarx ser jirrekala pregudizzju b`mod ingust (unfairly prejudicial) ghaliex minkejja li bhala stat ta` fatt hija s-sid tan-nofs indiviz tal-ishma li kienu jappartjenu lil zewgha Joseph Saliba, l-intimat qieghed jagixxi u qieghed jaghti x`jifhem li ser jagixxi b`mod li sejjer jinjora kompletament id-drittijiet patrimonjali taghha.*

*Illi ghal kull buon fini jigi rilevat illi kontestwalment ma` dan ir-rikors l-esponenti talbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni fil-konfront tal-intimat sabiex (i) fil-kapacita` tieghu ta` azzjonist fis-socjetajiet imsemmija jigi inibit milli bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, jixtri jew jakkwista taht kull titolu, in parte jew in toto, l-*

*ishma gia` proprjeta` tal-azzjonist l-iehor, id-defunt Joseph Saliba u sabiex (ii) fil-kapacita` tieghu ta` segretarju u direttur ewlieni u solitarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet imsemmija jigi inibit milli bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, jirregistra jew jaccetta r-registrazzjoni tat-transferiment taht kwalunkwe titolu, in parte jew in toto, tal-ishma fuq imsemmija.*

*Ghaldaqstant premess is-suespost, ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbi Qorti joghgobha, jekk jidhrilha li dan ikun gust u ekwu, taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa sabiex –*

*1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-agir tal-intimat x`aktarx ser jirreka lill-esponenti pregudizzju b`mod ingust (unfairly prejudicial) ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tipprojbixxi lill-intimat qua azzjonist fis-socjetajiet The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) milli bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, jixtri jew jakkwista taht kull titolu, in parte jew in toto, l-ishma gia` proprjeta` tal-azzjonist l-iehor, id-defunt Joseph Saliba fl-imsemmija socjetajiet.*

*3. Tipprojbixxi lill-intimat qua segretarju u direttur tas-socjetajiet rispettivi milli bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, jirregistra jew jaccetta r-registrazzjoni tat-trasferiment taht kwalunkwe titolu, in parte jew in toto, tal-ishma fuq imsemmija.*

*4. Tordna li tigi approvata r-registrazzjoni tal-esponenti kollha bhala l-membru successur tad-defunt Joseph Saliba f`tali kumpanniji u ghal dan il-ghan, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123(2) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna illi l-isem tal-esponent Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts" ikun inserit fir-registru tal-membri tal-kumpanniji rispettivi bhala l-azzjonist ta` dawk l-ishma.*

*5. Tordna illi jsiru dawk l-atti kollha ancillari ghal tali registrazzjoni jew altrimenti mehtiega fic-cirkostanzi, inkluz l-emendi kollha necessarji fil-memorandum u artikli tal-asocjazzjoni tal-kumpanniji rispettivi fosthom emendi fil-klawsola numru 7 tal-memoranda tal-kumpanniji rispettivi sabiex -*

*a. L-amministrazzjoni u t-tmexxija tal-kumpanniji rispettivi*

*jkunu vestiti f`bord ta` diretturi li jkun kostitwit minn zewg persuni biss ;*

*b. Iz-zewg persuni li ghandhom jagixxu bhala diretturi jkunu l-esponent Michael Debono u l-intimat Mario Debono ;*

*c. Kull membru jkollu d-dritt li jahtar direttur wiehed li jirraprezenta dak il-membru fuq il-bord tad-diretturi.*

Rat il-lista ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

**2. <u>Id-digriet tal-21 ta` Jannar 2011</u>**

Wara li rat ir-rikors promotur, il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat pro et noe bi zmien ghoxrin jum min-notifika sabiex jipprezenta **<u>risposta</u>** u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-3 ta` Marzu 2011.

**3. <u>Risposta guramentata</u>**

Minflok risposta, l-intimat pro et noe pprezenta risposta **<u>guramentata</u>** fit-<u>28 ta` Frar 2011</u>.

Din ir-risposta guramentata kienet taqra hekk :

*1. Preliminarjament, l-ewwel talba tar-rikorrenti, fuq liema huma mpernjati t-talbiet kollha li jsegwu, hija spekulattiva u tindika li anke r-rikorrenti stess huma ncerti rigward il-pregudizzju b`mod ingust li jistghu isofru u konsegwentement m`hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghalhekk, l-azzjoni kif mpostata hija mproponibbli, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez bhala nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet, li jikkorrispondu ghal kull wiehed mill-paragrafi enumerati fir-rikors promotur -*

*i.*	*Fl-ewwel lok, m`huwiex minnu li ma gewx depositati l-audited accounts ta` The Village Pharmacy Limited (C29487) mar-Registratur tal-Kumpanniji.*

*ii.*	*L-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-awditur ta` Karizia Company Limited (C8001) jista` jhalli lilu nnifsu jigi mgieghel mis-segretarju tal-kumpannija jivvaluta l-prezz tal-ishma in bazi ghal kontijiet ta` tmien snin ilu hija spekulattiva, u anke spurja. F`kull kaz, l-audited accounts tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Marzu 2008, gew depositati mar-Registratur tal-Kumpanniji kif jirrizulta mill-annesss Dok. MD1, u tali valutazzjoni tista` ssir.*

*iii.*	*Effettivament, l-uniku direttur innomina direttur iehor (`Dok MD2` u `Dok. MD3`).*

*iv.*	*L-artikolu 119(4) tal-Kap. 386, citat mir-rikorrenti, jaqra kif gej -*

*(4)	Fuq it-talba tal-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis, il-kumpannija ghandha tirregistra fir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skond il-kaz, l-isem u l-indirizz ta` dik il-persuna.*

*Hu sottomess illi dan l-artikolu tal-ligi m`ghandu x`jaqsam <u>xejn</u> mal-kaz de quo billi f`dan il-kaz ma sehhet l-ebda trasmissjoni ta` ishma. L-Art.4(h) supra tal-istatut socjali, cioe` il-kitba fondamentali ta` shubija, jaghti lill-<u>azzjonisti</u> (mhux lill-kumpannija) il-fakolta` li jirrifjutaw illi persuna mhux tal-klassi ndikata fl-artikolu jigu registrati bhala azzjonisti tal-kumpannija, u dan meta jinghad fl-imsemmi artikolu illi l-eredi mhux ta` dik il-klassi jehtiegilhom illi jigu "<u>unanimously approved in writing by all the existing members of the company</u>".*

*Qari superficjali tal-Artikoli 14 u 17 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 juri b`mod car illi dawk ma japplikawx ghall-kaz de quo. Fl-ewwel lok (Art.14), ir-registrazzjoni ssehh wara t-trasmissjoni, haga li hawn ma sehhitx. Fit-tieni lok, l-Art.17 japplika ghal persuna li "tikseb dritt ta` azzjoni", haga li hawn ma sehhetx.*

*Inoltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan m`huwiex il-kaz, kuntrarju ghal dak li jinghad fir-rikors promotur, l-istatut socjali jghid illi dik il-parti ta` dik l-iskeda tapplika mhux biss jekk l-artikolu hwa "eskluz" izda anke jekk huwa "varied", ossija modifikat :*

*"The Regulations contained in Part 1 of the First Schedule of the*

*Companies Act 1995 (hereinafter known as the First Schedule) shall apply to the Company save so far as they are excluded or varied hereby".*

*L-Art. 4 (h) supra b`mod car ivarja dawk l-artikoli.*

*Il-lanjanza ai termini tal-Art. 64 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 hija llum superata billi l-pozizzjoni giet sanata.*

*v. Illi fil-kontrotalba li qieghed jipprezenta l-eccipjent kontestwalment ma` din ir-risposta, l-eccipjent qieghed jitlob dikjarazzjoni tal-Qorti illi visto n-nuqqas tal-intimati illi jaghtu l-avviz previst, tordna lill-kumpannija tipprocedi bil-bejgh skond l-istatut.*

*Mill-bqija, is-sottomissjonijiet l-ohra tar-rikorrenti f`dan il-paragrafu huma zbaljati billi –*

*a. assolutament ma jirrizultax illi l-artikolu 4(i) huwa riproduzzjoni tal-artikolu 4(c) tal-Articles, ghaliex la fil-forma u la fis-sustanza m`ghandhom somiljanza, u f`kull kaz jikkontemplaw rispettivament sitwazzjonijiet radikalment differenti ; u*

*b. ir-rikorrent qieghed ifixkel l-artikolu 20 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 mal-artikolu 21 : l-artikolu 20 irid illi dato ma non concesso illi r-rikorrenti jistghu jigu kwalifikati bhala "persuna li jkollha dritt ghal azzjoni minhabba l-mewt tad-detentur", minkejja li jkollha "dritt ghall-istess dividendi u vantaggi ohra", ma jkollhiex "dritt li tezercita xi jedd moghti lil membru dwar azzjoni relattivament ghal laqghat tal-kumpannija" hlief "qabel ma tkun registrata bhala membru dwar l-azzjoni".*

*vi. Bl-ittri Dok. E u F l-eccipjent ipprevalixxa ruhu mid-dritt tieghu taht l-artikolu 4(h) tal-Articles tal-kumpannija illi joggezzjona illi r-rikorrenti jigu registrati bhala azzjonisti, u issa bil-kontrotalba msemmija sejjer jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu illi jakkwista dawk l-ishma bil-kundizzjonijiet maqbula fl-istatut socjali ;*

*vii. Illi ma kien hemm l-ebda malizzja u/jew mala fede fl-agir tal-eccipjenti Mario Debono ;*

*viii. Ir-rikorrenti Mary Saliba ghazlet illi fit-terminu moghti lilha bit-testment ta` zewgha, li kien de facto separat minnha, ma takkwistax il-legat imholli lilha bl-Artikolu 3 tat-testment Dok. A, liema legat kien soggett ghall-kundizzjoni risoluttiva hemm imsemmija. La ghamlet dik l-*

*ghazla, ir-rikorrenti dahlet minn rajha ghal dak kollu li trid tiffaccja fl-imsemmija kumpanniji, inkluz l-obbligu taghha li thallas sehemha mid-dejn li halla zewgha fil-kumpanniji liema pretensjoni hija dedotta f`kawza pendenti fl-ismijiet Karizia Company Limited (C8001) vs Michael Debono et (Rik. Numru 1207/2010) ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw matul il-prosegwiment tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

**3. <u>Kontrotalba</u>**

L-intimat pro et noe pprezenta kontrotalba li kienet taqra hekk :-

*1. Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-Rikors Guramentat intavolat mir-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex jistitwixxi din il-kontrotalba.*

*2. Illi l-esponent Mario Debono, flimkien ma` missieru Salvino Debono, huwa direttur fil-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001). L-istess Mario Debono huwa wkoll is-segretarju ta` dawn il-kumpanniji (`Dok. MD2` u `Dok. MD3`).*

*3. Illi l-esponent Mario Debono huwa wkoll azzjonist f`dawn iz-zewg kumpanniji u jiddetjeni hamsa u tletin elf (35,000) sehem fully paid up ghall-valur ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija The Village Pharmacy Limited u sebgha u ghoxrin elf u hames mitt (27,500) sehem fully paid up ghall-valur ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija Karizia Company Limited.*

*4. Illi qabel il-mewt tieghu fil-25 ta` Settembru 2007, l-azzjonist l-iehor (id-defunt Joseph Saliba, ir-ragel tar-rikorrenti rikonvenzjonata Mary Saliba izda de facto separat minnha, kopja tac-certifikat tal-mewt tieghu anness mar-rikors promotur tar-rikorrenti rikonvenzjonati u mmarkat bhala `Dok. C`), kien jiddetjeni ghaxart elef (10,000) sehem fully paid up tal-valur nominali ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija The*

*Village Pharmacy Limited u elfejn u hames mitt (2,500) sehem fully paid up ghall-valur ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija Karizia Company Limited.*

*5. Illi in forza tal-ahhar testament revokatorju tieghu datat 18 ta` Settembru 2007 ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard (kopja anness mar-rikors promotur tar-rikorrenti rikonvenzjonati u mmarkat bhala `Dok. D`), l-imsemmi Joseph Saliba kien innomina u istitwixxa lil Julius Nehorai (K.I. 0026843A) bhala eredi uniku u universali tieghu sabiex jircievi u jzomm l-assi ereditarji tieghu on trust bhala trustees ta` "The J. Saliba Trusts".*

*6. Illi b`digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) datat 18 ta` Settembru 2009, ir-rikorrent rikonvenzjonat Michael Debono gie nominat bhala t-trustee l-gdid ta` "The J. Saliba Trusts" minflok l-istess Julius Nehorai, b`effett mit-23 ta` Jannar 2009 (kopja ta` liema digriet hija annessa mar-rikors promotur tar-rikorrenti rikonvenzjonati u mmarkat bhala `Dok. E`.*

*7. Illi permezz tal-Articles tal-kumpanniji in kwistjoni [senjatament l-Artikoli 4(h), 4(i) u 4(j) fil-kaz ta` mewt ta` azzjonist, japplikaw is-segwenti Articles :*

*(h) Upon the death of a member, a descendant in direct line and / or any other member of the company becomes entitled to be registered as holder of the share or shares inherited. Any other person being an heir, shall become entitled for registration only if it is unanimously approved in writing by all the existing members of the company.*

*(i) Any person being an heir and who does not become entitled for registration of the inherited shares shall, within three months from date of death of holder of shares, give notice to the directors in writing by registered post. That notice, on the lapse of three months from date of death of holder of shares, shall constitute the company his agent for the sale of the said shares to the members of the company at the price to be assessed by the auditor/s of the company on the basis of the last audited accounts.*

*(j) Upon the price being ascertained as aforesaid, the board of directors shall give notice in writing by registered post to all members of the company, other than the deceased member, of the number and price of shares which must be purchased and paid for within 60 days from notification. The shares may be purchased either, so far as may be,*

*`pro-rata` between the members or as may be unanimously determined by the members themselves.*

*8. Illi ai termini tal-Artikolu 4(h) hawn fuq citat, sabiex jigu ntitolati ghar-registrazzjoni tal-ishma tad-defunt Joseph Saliba, billi m`humiex descendant in direct line and/or any other member of the company, ir-rikorrenti rikonvenzjonati kienu jehtiegu l-approvazzjoni unanima tal-azzjonisti ezistenti tal-kumpanniji in kwistjoni sabiex jirtu l-ishma.*

*9. Illi din l-approvazzjoni unanima ma nghatatx, u in fatti ntbaghtet ittra ghal dan l-iskop mill-intimat rikonvenzjonant lis-segretarju tal-kumpanniji rikonvenzjonanti f`dan is-sens, annessi mar-rikors promotur (`Dok H`).*

*10. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonati naqsu milli jaghtu d-debita notifika lid-diretturi tal-kumpannija fi zmien tliet xhur mill-mewt tal-azzjonista, kif mahsub fl-Artikolu 4(j) supra.*

*11. Illi konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 4(i) hawn fuq citat, stante li ma nghatatx din l-approvazzjoni unanima l-kumpanniji in kwistjoni obbligati jipprocedu ghall-bejgh ta` dawn l-ishma skond l-istatut.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, prevja l-ghotja tal-ordnijiet u provvedimenti opportuni, l-esponent jitlob unilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonati naqsu milli jaghtu l-avviz kontemplat fl-Artikoli 4(i) tal-Articles tal-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limited, minkejja illi kienu obbligati jaghtu l-imsemmi avviz fit-terminu ta` tliet xhur mill-mewt tal-awtur taghhom.*

*2. Konsegwentement, tiddikjara illi l-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limited huma l-agenti ghall-bejgh tal-ishma msemmija tal-azzjonista decedut Joseph Saliba konsistenti f`ghaxart elef (10,000) sehem fully paid up ghall-valur ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija The Village Pharmacy Limited u*

*elfejn u hames mitt (2,500) sehem fully paid up ghall-valur ta` zewg Euro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) il-wiehed fil-kumpannija Karizia Company Limited, a tenur tal-Artikolu 4(i) tal-Articles tat-tnejn, u tordnalhom jipprocedu kif mahsub fl-imsemmi statut.*

*3. Tiffissa terminu li jidhrilha din l-Onorabbli Qorti sabiex il-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limited jipprocedu skond kif mahsub fl-Artikoli 4(i) u 4(j) tal-Articles, billi joffru l-ishma msemmija lill-azzjonisti l-ohra fil-kumpanniji bil-prezz stabbilit kif irid l-Artikolu 4(i) tal-Articles tat-tnejn.*

*4. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati jersqu ghall-bejgh tal-imsemmija ishma lill-esponenti, fil-hin, data u lok li tiddetermina din il-qorti, u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lir-rikorrenti rikonvenzjonati fl-eventwali kontumacja taghhom.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti ghall-iskop tal-kontrotalba.

## 4. <u>Risposta guramentata ghall-kontrotalba</u>

Kienet prezentaw risposta guramentata li kienet taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti Mary Saliba m`hijiex il-legittima kontradittrici f`din l-azzjoni ghaliex id-dritt taghha ghan-nofs indiviz tal-ishma tad-defunt zewgha Joseph Saliba huwa dritt patrimonjali li jemanixxi mill-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux dritt li gie akkwistat b`xi wirt. Dan ifisser illi r-rikorrenti Mary Saliba qatt ma kellha l-obbligu illi tibghat l-avviz kontemplat fl-Artikoli 4(i) tal-Articles tal-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limtied u ghaldaqstant it-talbiet maghmula mill-intimat proprio et nomine fil-kontrotalba tieghu qatt ma jistghu jew ghandhom jaghmlu stat fil-konfront taghha. Konsegwentement din il-Qorti ghandha tillibera lir-rikorrenti Mary Saliba mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Inoltre u dejjem preliminarjament, l-intimat Mario Debono fil-vesti tieghu proprju bhala azzjonist m`ghandu l-ebda interess guridiku sabiex jippromwovi din l-azzjoni ghaliex it-talbiet maghmula fil-kontrotalba qua azzjonist jistghu isiru biss mill-kumpanniji Karizia*

*Company Limited u The Village Pharmacy Limited jew mill-Bord tad-Diretturi li jirrapprezentawhom guridikament dejjem sakemm tali talbiet ma jkunux qed isiru fl-isfond ta` azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta minn membru tal-kumpannija – xi haga li evidentement mid-dicitura tal-istess kontrotalba ma jidhirx li huwa l-kaz. Lanqas ma ghandu interess guridiku sabiex jippromwovi din l-azzjoni l-intimat Mario Debono fil-vesti tieghu bhala segretarju tal-kumpanniji rispettivi u dana minhabba li t-talbiet maghmula fil-kontrotalba jistghu jsiru biss mill-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limited jew mill-Bord tad-Diretturi li jirrapprezentawhom guridikament. Konsegwentement din il-Qorti ghandha, wara li tillibera lir-rikorrenti Mary Saliba mill-osservanza tal-gudizzju kif inhu mitlub fl-ewwel eccezzjoni, tillibera lir-rikorrenti Michael Debono nomine mill-osservanza tal-gudizzju kwantu riferibbli ghall-kontrotalba maghmula mill-intimat Mario Debono f`ismu proprju bhala azzjonist u kif ukoll bhala segretarju.*

*3. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal kull buon fini, qed jigi ddikjarat illi kuntrarjament ghal dak li inghad fil-bidu tal-kontrotalba tal-intimat proprio et nomine, ir-rikorrenti Michael Debono nomine u Mary Saliba ma ntavolaw l-ebda rikors guramentat f`din l-azzjoni izda huma pprezentaw rikors mhux mahluf sabiex jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti <u>ordni</u> ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet maghmula fil-kontrotalba tal-intimat proprio et nomine ghandhom jigu michuda ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt li huma ntempestivi. Dan qed jinghad mhux lanqas ghaliex, kif diga` gie ritenut fir-rikors tar-rikorrenti, l-Artikoli 4(i) tal-Articles of Association rispettivi ma jaghti l-ebda poter jew dritt lill-kumpanniji rispettivi tramite il-bord tad-direttturi sabiex jipprocedu bil-bejgh tal-ishma tad-defunt Joseph Saliba <u>sakemm dawn ma jkunux ircevew l-avviz indikat f`tali artikoli mill-eredi tieghu</u>. Dan l-avviz baqa` ma ntbaghatx mir-rikorrent Michael Debono nomine. F`kazijiet bhal dawn, l-Artikolu 21 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u <u>addirittura l-Artikoli 4(m) tal-Articles of Association infushom</u>, joffru soluzzjoni u jipprotegu lill-kumpanniji billi jaghtuhom id-dritt, biex jekk iridu, huma stess jibghatu avviz lill-eredi sabiex fi zmien disghin (90) gurnata dan jew jaghzel li jkun registrat huwa stess jew inkella jittrasferixxi l-ishma. F`kaz illi jiskadi dan it-terminu u l-eredi jibqa` inadempjenti, id-diretturi jkollhom id-dritt izommu l-hlas kollu ta` dividendi, bonuses jew flejjes ohra rigwardanti dak l-ishma u dan sakemm l-eredi jaghmel l-ghazla tieghu. Ghalhekk f`dan l-istadju, l-intimat proprio et nomine m`ghandu l-ebda dritt u lanqas m`ghandu l-htiega li jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-offerta u l-bejgh ta` tali ishma.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Mario Debono proprju u l-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limited ripetutament f`korrispondenza, laqghat u avvizi ta` laqghat diga` accettaw lill-esponenti Michael Debono nomine bhala l-azzjonist successur tal-ishma gja` appartenenti lid-defunt Joseph Saliba u qieghed issa, permezz ta` din il-kontrotalba jipprova jinnega dan l-istat ta` fatt illi huwa stess accetta matul is-snin.*

*6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet maghmula fil-kontrotalba tal-intimat proprio et nomine ghandhom jigu michuda ghaliex jekk il-kumpanniji Karizia Company Limited u The Village Pharmacy Limited jithallew jipprocedu skond l-interpretazzjoni illi qed jipprova jaghti l-intimat Mario Debono lill-Artikoli 4(i) u 4(j) tal-Articles of Association rispettivi, l-awdituri jkunu obbligati jistmaw l-ishma in kwistjoni abbazi ta` accounts li jmorru lura numru ta` snin bi pregudizzju serju ghar-rikorrenti peress li b`hekk ma tkun qed tittiehed l-ebda konsiderazzjoni taz-ziediet konsiderevoli fil-valur taghhom matul tali snin.*

*F`dan l-isfond tajjeb jinghad illi f`attentat makkjaveljan, ftit granet biss wara li r-rikorrenti pprezentaw il-kawza taghhom li ghaliha qed issir il-kontrotalba, l-intimat proprio et nomine f`girja wahda bla nifs lejn ir-Registratur tal-Kumpanniji rregistra numru kbir ta` dokumenti f`isem il-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limtied (C8001). Permezz ta` dawn id-dokumenti, giet irregistrata n-nomina ta` direttur iehor (missier l-intimat Mario Debono) sabiex il-bord tad-diretturi jkun jista` jagixxi b`mod normali, gew irregistrati l-audited accounts tas-socjeta` Kariza Company Limited li jkopru sa l-ahhar tas-sena finanzjarja 2008 (l-audited accounts precedenti kienu jkopru biss sa l-ahhar tas-sena 2002 – appuntu wahda mill-premessi maghmula fir-rikors tar-rikorrenti) u gew irregistrati l-audited accounts tas-socjeta` The Village Pharmacy Limited li jkopru sa l-ahhar tas-sena finanzjarja 2006 (qabel tali registrazzjoni qatt ma kienu gew ipprezentati xi audited accounts – appuntu wahda mill-premessi maghmula fir-rikors tar-rikorrenti). Filwaqt illi dawn l-"accounts" ma gewx approvati mil-laqgha generali, dan ikompli jikkonferma l-mala fede tal-intimat proprio et nomine, xi haga li r-rikorrenti diga` ghamlu riferenza ghaliha fir-rikors taghhom.*

*7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata mar-risposta guramentata.

## 5. Il-provvediment tad-29 ta` Novembru 2011

Fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2011, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw ir-regolarita` tal-kontrotalba in vista tal-fatt li l-azzjoni tar-rikorrenti saret a tenur tal-Art 402 tal-Kap 386.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2011.

**Fid-29 ta` Novembru 2011, inghata provvediment mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fejn *inter alia* l-kontrotalba kienet dikjarata nulla u bla effett bil-konsegwenza ma tkomplietx tinghata konsiderazzjoni tar-risposta tar-rikorrenti ghall-kontrotalba, u kien ordnat lill-intimati sabiex sa zmien ghoxrin (20) jum jissostitwixxu r-risposta "guramentata" b`risposta mhux guramentata.**

## 6. Ir-risposta

Ir-**risposta** tal-intimati in sostituzzjoni tar-risposta "*guramentata*" kienet prezentata fid-19 ta` Dicembru 2011.

Taqra hekk :-

*1. Preliminarjament, l-ewwel talba tar-rikorrenti, fuq liema huma mpernjati t-talbiet kollha li jsegwu, hija spekulattiva u tindika li anke r-rikorrenti stess huma ncerti rigward il-pregudizzju b`mod ingust li jistghu isofru u konsegwentement m`hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghalhekk, l-azzjoni kif impostata hija mproponibbli, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez bhala*

*nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet, li jikkorrispondu ghal kull wiehed mill-paragrafi enumerati fir-rikors promotur –*

*i. Fl-ewwel lok, m`huwiex minnu li ma gewx depositati l-audited accounts ta` The Village Pharmacy Limited (C29487) mar-Registratur tal-Kumpanniji.*

*ii. L-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-awditur ta` Karizia Company Limited (C8001) jista` jhalli lilu nnifsu jigi mgieghel mis-segretarju tal-kumpannija jivvaluta l-prezz tal-ishma in bazi ghal kontijiet ta` tmien snin ilu hija spekulattiva, u anke spurja. F`kull kaz, l-audited accounts tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Marzu 2008, gew depositati mar-Registratur tal-Kumpanniji kif jirrizulta mill-annesss Dok. MD1, u tali valutazzjoni tista` ssir.*

*iii. Effettivament, l-uniku direttur innomina direttur iehor (`Dok MD2` u `Dok. MD3`).*

*iv. L-artikolu 119(4) tal-Kap. 386, citat mir-rikorrenti, jaqra kif gej -*

*"Fuq it-talba tal-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis, il-kumpannija ghandha tirregistra fir-registru taghha tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skond il-kaz, l-isem u l-indirizz ta` dik il-persuna."*

*Hu sottomess illi dan l-artikolu tal-ligi m`ghandu x`jaqsam xejn mal-kaz de quo billi f`dan il-kaz ma sehhet l-ebda trasmissjoni ta` ishma. L-Art.4(h) supra tal-istatut socjali, cioe` il-kitba fondamentali ta` shubija, jaghti lill-azzjonisti (mhux lill-kumpannija) il-fakolta` li jirrifjutaw illi persuna mhux tal-klassi ndikata fl-artikolu jigu registrati bhala azzjonisti tal-kumpannija, u dan meta jinghad fl-ismemmi artikolu illi l-eredi mhux ta` dik il-klassi jehtiegilhom illi jigu "unanimously approved in writing by all the existing members of the company".*

*Qari superficjali tal-Artikoli 14 u 17 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 juri b`mod car illi dawk ma japplikawx ghall-kaz de quo. Fl-ewwel lok (Art.14), ir-registrazzjoni ssehh wara t-trasmissjoni, haga li hawn ma sehhitx. Fit-tieni lok, l-Art.17 japplika ghal persuna li "tikseb dritt ta` azzjoni", haga li hawn ma sehhetx.*

*Inoltre, anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan m`huwiex il-kaz, kuntrarju ghal dak li jinghad fir-rikors promotur, l-istatut socjali jghid illi*

*dik il-parti ta` dik l-iskeda tapplika mhux biss jekk l-artikolu hwa "eskluz" izda anke jekk huwa "varied", ossija modifikat :*

*"The Regulations contained in Part 1 of the First Schedule of the Companies Act 1995 (hereinafter known as the First Schedule) shall apply to the Company save so far as they are excluded or <u>varied</u> hereby".*

*L-Art. 4 (h) supra b`mod car <u>ivarja</u> dawk l-artikoli.*

*Il-lanjanza ai termini tal-Art. 64 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 hija llum superata billi l-pozizzjoni giet sanata.*

*v. Mill-bqija, s-sottomissjonijiet l-ohra tar-rikorrenti f`dan il-paragrafu huma zbaljati billi –*

*a. assolutament ma jirrizultax illi l-artikolu 4(i) huwa riproduzzjoni tal-artikolu 4(c) tal-Articles, ghaliex la fil-forma u la fis-sustanza m`ghandhom somiljanza, u f`kull kaz jikkontemplaw rispettivament sitwazzjonijiet radikalment differenti ; u*

*b. ir-rikorrent qieghed ifixkel l-artikolu 20 tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 386 mal-artikolu 21: l-artikolu 20 irid illi dato ma non concesso illi r-rikorrenti jistghu jigu kwalifikati bhala "persuna li jkollha dritt ghal azzjoni minhabba l-mewt tad-detentur", minkejja li jkollha "dritt ghall-istess dividendi u vantaggi ohra", ma jkollhiex "dritt li tezercita xi jedd moghti lil membru dwar azzjoni relattivament ghal laqghat tal-kumpannija" hlief "qabel ma tkun registrata bhala membru dwar l-azzjoni".*

*vi. Bl-ittri Dok. E u F l-eccipjent ipprevalixxa ruhu mid-dritt tieghu taht l-artikolu 4(h) tal-Articles tal-kumpannija illi joggezzjona illi r-rikorrenti jigu registrati bhala azzjonisti.*

*vii. Illi ma kien hemm l-ebda malizzja u/jew mala fede fl-agir tal-eccipjenti Mario Debono.*

*viii. Ir-rikorrenti Mary Saliba ghazlet illi fit-terminu moghti lilha bit-testment ta` zewgha, li kien de facto separat minnha, ma takkwistax il-legat imholli lilha bl-Artikolu 3 tat-testment Dok. A, liema legat kien soggett ghall-kundizzjoni risoluttiva hemm imsemmija. La ghamlet dik l-ghazla, ir-rikorrenti dahlet minn rajha ghal dak kollu li trid tiffaccja fl-imsemmija kumpanniji, inkluz l-obbligu taghha li thallas sehemha mid-dejn li halla zewgha fil-kumpanniji liema pretensjoni hija dedotta f`kawza*

*pendenti fl-ismijiet Karizia Company Limited (C8001) vs Michael Debono et (Rik. Numru 1207/2010).*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw matul il-prosegwiment tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

**7. Ir-risposta ulterjuri**

**Fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2012, l-intimat pro et noe rtira l-ewwel eccezzjoni. Fl-istess waqt talab illi jressaq eccezzjoni ulterjuri. It-talba kienet milqugha.**

Ir-**risposta ulterjuri** kienet prezentata fis-27 ta` Frar 2012.

Taqra hekk -

*1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrent m`ghadux il-locus standi necessarju fl-azzjoni proposta stante li ma jikkwalifikax bhala `membru` tas-socjetajiet The Village Pharmacy Limited u Karizia Company Limited ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement m`huwiex intitolat u m`ghandux dritt jippromwovi tali azzjoni skond l-istess Artikolu.*

*Ghalhekk ir-rikors tar-rikorrenti huwa mproponibbli u ghandu jigi michud bl-ispejjez.*

**8. Il-provvediment tat-28 ta` Gunju 2012**

**Fit-28 ta` Gunju 2012, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat provvediment fejn cahdet l-eccezzjoni ulterjuri u ddikjarat illi z-zewg rikorrenti ghandhom *locus standi* sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna.**

**9. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Gunju 2013**

Fis-6 ta` Novembru 2012 kienet milqugha talba tal-intimat pro et noe sabiex isir appell mill-provvediment tat-28 ta` Gunju 2012.

**B`sentenza moghtija fit-28 ta` Gunju 2013, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata u baghtet lura l-atti lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza.**

**10. Talba tar-rikorrenti**

Fl-udjenza tat-3 ta` April 2014 kienet milqugha talba tar-rikorrenti sabiex issir korrezzjoni (a) fil-paragrafu (iv) tal-pagna (3) tar-rikors promotur sabiex minflok il-kliem *"Art. 119(4)"* jidher il-kliem *"Art. 119(5)"* kif ukoll (b) korrezzjoni fil-pagna (4) tar-rikors promotur fis-sens illi minflok il-kliem *"Art. 20"* jidhol il-kliem *"Art. 21".*

**11. Talba tal-intimat pro et noe**

Fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2018 kienet milqugha talba tal-intimat pro et noe sabiex jipprezenta bhala prova kopja tad-deposizzjonijiet kollha illi taw Stefan Bonello Ghio u Steven Galea fil-kawza Rikors Nru. 512/10 JZM fl-ismijiet `*Maria Saliba et vs Mario Debono et*` li kienet deciza fit-30 ta` Jannar 2018.

**12. Kompetenza ta` din il-Qorti**

**Wara li gew fis-sehh l-Art 21(b)(i) (ii) u (iii) tal-Att I tal-2018 b`effett tal-Avviz Legali 92 tal-2018, ma baqghetx aktar kompetenti l-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex tisma, taqta` u tiddeciedi din il-kawza izda saret kompetenti din il-Qorti.**

**Wara li kompliet tisma` x-xiehda, u wara li rat il-provi l-ohra**

**li tressqu, il-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.**

**Rat l-atti l-ohra.**

## II. <u>Provi</u>

**<u>Ir-rikorrent Michael Debono</u>** xehed illi b`digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) tat-18 ta` Settembru 2009, kien mahtur bhala *trustee* ta` J. Saliba Trusts minflok Julius Nehorai b`effett mit-23 ta` Jannar 2009. Ghalkemm bhala *trustee* mhuwiex registrat bhala d-detentur tal-ishma li l-mejjet Joseph Saliba kellu fil-kumpanniji ntimati, huwa xorta ghandu l-jeddijiet kollha fuq in-nofs indiviz tal-istess ishma (fosthom id-dritt li jircievi dividends) apparti d-drittijiet l-ohra spettanti lill-azzjonisti. Ir-rikorrenti l-ohra Mary Saliba ghandha wkoll jeddijiet fuq in-nofs indiviz l-iehor tal-istess ishma ghaliex l-ishma kienu jappartjenu ghall-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Saliba.

Xehed illi b`ittra tal-14 ta` Lulju 2010, l-intimat bhala azzjonista tal-kumpanniji ntimati avza lis-segretarju tal-istess zewg kumpanniji illi ma kienx qieghed japprova r-registrazzjoni tal-eredi bhala membri tal-kumpanniji. Talab li l-awdituri jinghataw l-inkariku skont l-Art 4(i) u (j) tal-Articles of Assocation sabiex jistabilixxu l-prezz tal-ishma ta` Joseph Saliba abbazi tal-ahhar *audited accounts* sabiex dawn jigu offruti lilu ghall-akkwist.

Ighid illi l-komportament ta` l-intimat huwa ta` pregudizzju serju ghad-drittijiet tar-rikorrenti. Waqt id-deposizzjoni tieghu, ir-rikorrent indika r-ragunijiet ghala afferma hekk.

Stqarr illi sa mit-twaqqif ta` The Village Pharmacy Limited ("**<u>The Village</u>**") ma kienux prezentati *audited accounts* lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Skont l-Art 4(i) tal-Articles of Assocation il-valur tal-ishma jista` jigi

stmat biss abbazi tal-ahhar *audited accounts*. Billi ma kienux sottomessi *audited accounts*, l-istima tal-awdituri ma setghetx issir.

Ghar-rigward ta` Karizia Company Limited ("**Karizia**") l-ahhar *audited accounts* illi kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji kienu jkopru s-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta` Marzu 2002. Ghalhekk anke fil-kaz taghha l-istima tal-valur tal-ishma ma setax jirrifletti l-valur attwali taghhom.

Qal illi ftit wara li saret din il-kawza, u qabel kienet prezentata r-risposta, The Village u Karizia pprezentaw ipprezentaw numru sostanzjali ta` *audited accounts*.

Kompla jghid illi fl-14 ta` Lulju 2010, meta l-intimat gharraf l-intenzjoni tieghu illi ma japprovax ir-registrazzjoni tal-eredi bhala membri taz-zewg kumpanniji, effettivament huwa ma kellux il-jedd jaghmel dan.

Spjega illi dak iz-zmien l-intimat kien l-uniku direttur taz-zewg kumpanniji. Peress illi n-numru ta` diretturi nizel taht il-minimu permess mil-ligi, ma seta` qatt jagixxi f`isimhom. Sabiex jigi sanat dak in-nuqqas, fl-24 ta` Jannar 2011, qabel il-prezentata tar-risposta, kien mahtur it-tieni direttur, u cioe` Salvino Debono li jigi missier Mario Debono.

Stqarr illi ghalkemm l-Art 4(h) tal-Articles of Assocation jaghti l-fakulta` lill-membri li jirrifjutaw ir-registrazzjoni bhala azzjonisti tal-eredi li la huma dixxendenti f`linja diretta u lanqas ikunu membri ta` kumpannija ohra, dan kien imur kontra l-Art 119(4) tal-Kap 386, li jiddisponi li l-ghazla ta` jekk issirx ir-registrazzjoni tal-eredi tispetta lilkl-bord tad-diretturi.

Dan ifisser li l-agir ta` Mario Debono kien *ultra vires* il-poteri li kellu bhala direttur fil-mument meta rrifjuta r-registrazzjoni tar-rikorrenti bhala azzjonisti.

Kompla jixhed illi l-Art 4(1) tal-Articles of Assocation, abbazi ta`

liema disposizzjoni l-intimat sejjes il-pretensjoni tieghu ghall-valutazzjoni tal-ishma, ma jaghti ebda dritt lill-kumpannija sabiex tipprocedi bil-bejgh tal-ismha ta` Joseph Saliba.

Skont id-dispozizzjoni, l-eredi li ma jikkwalifikawx awtomatikament ghar-registrazzjoni bhala membri ghandhom zmien tliet (3) xhur mid-data tal-mewt tal-azzjonista, li tieghu jkunu wirtu l-ishma, sabiex javzaw formalment b`ittra registrata li jridu jigu registrat bhala membri.

Stqarr illi fil-kaz odjern Mario Debono qabad mal-fatt li din id-dikjarazzjoni ma kenitx saret.

Ghamel referenza ghall-Art 20 tal-Kap 386 li hija disposizzjoni ntiza sabiex tipprevjeni sitwazzjonijiet ta` abbuz. Dak tal-lum kien wiehed minn dawn. Il-ligi taghti lid-diretturi l-fakulta` li javzaw lill-eredi sabiex fi zmien disghin (9) jum jiddikjaraw jekk iridux li jkunu registrati bhala membri. Jekk jonqsu, id-diretturi jkollhom il-jedd li jzommu l-hlas tad-*dividends*, *bonuses* u flejjes ohra sakemm l-eredi jiddeciedu. Dan l-avviz qatt ma ntbaghat.

Xehed illi f`korrispondenza li ghaddiet mal-intimat, dan wera bic-car li kien accetta lir-rikorrenti bhala azzjonisti tal-ishma li kienu ta` Saliba. Inoltre kienu mistiedna jattendu l-laqgha generali annwali li saret fl-20 ta` Jannar 2010. Fil-fatt hekk ghamlu. Hemm esprimew ruhhom fis-sens illi l-*accounts* li kienu thejjew mill-awdituri nkarigati mill-intimat ma kienux jirriflettu tajjeb il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija. Waqt dik il-laqgha wrew ir-rizervi taghhom dwar il-fatt illi z-zieda fil-kapital li kienet saret snin qabel favur Mario Debono kienet biss "*messa in scena u fittizja*". Huma baqghu qatt ma rcevew il-minuti tal-laqgha.

L-intimat mexxa bl-ittra tal-14 ta` Lulju 2010 meta ra li huma ma kienux ser japprovaw l-*accounts*.

**<u>L-intimat Mario Debono</u>** xehed illi huwa direttur u company secretary tal-kumpanniji kollha fejn hu u Joseph Saliba kienu bi shab. Il-

kumpanniji huma : The Village, Karizia, Surgiquip Limited, Alliance Unichem Limited u Daldeb Holdings Ltd. Kellhom ghaxar persuni mpjegati. Huwa kien jiehu hsieb l-operations waqt li Joseph Saliba kien jiehu hsieb il-hlasijiet u l-kuntatti mal-banek. L-intiza ta` bejniethom kienet li l-firma ta` wiehed minnhom wahedha kienet bizzejjed. Dan kien l-istess fatt ta` bejniethom bejn l-1996 sal-2007 meta miet Joseph Saliba. Huwa ha d-direzzjoni kollha tan-negozju taghhom meta Joseph Saliba kien wasal fl-ahhar u ma setax ikompli jigbor il-flus dovuti.

Xehed illi huwa kien ihalli f`idejn Saliba. Pero` maz-zmien irrizulta li kien hemm hafna habi, bhal cheques iffirmati, li wara l-mewt ta` Saliba instabu fil-vettura ta` Saliba. Min-naha tieghu huwa kien jesigi li jsiru l-*accounts* l-aktar meta l-bank beda jaghfas ghall-pagamenti. Ma setax jifhem ir-raguni ghaliex dejjem kienu jaqghu lura fil-pagamenti tas-self tal-bank u lill-fornituri. L-introjtu (*turnover*) tal-kumpanniji ma kienx qed ikun bizzejjed. Stqarr li Saliba kellu attitudni ta` "mbaghad naraw ghada" u kien jassigurah li kien ser jiehu hsieb ta` kollox. Kien jemmen lil Saliba ghalkemm qatt ma seta` jifhem kif il-kumpanniji ma setghu qatt jiehdu r-ruh. Ir-risposta ghaliex il-kumpanniji kienu f`dik is-sitwazzjoni waslet biss meta Saliba kien diga mahkum minn marda terminali. F`dan iz-zmien kien dahal fix-xena Stephen Galea li beda jipprepara l-*accounts* u minn hemm bdew jinkifxu diversi lakuni li ma kienx hemm soluzzjoni ghalihom. L-ammonti depozitati ma bdewx jaqblu mal-ammonti li hargu. Kien hemm cheques li hargu favur persuni li ma kellhom ebda konnessjoni mal-kumpanniji.

Kompla jixhed illi Saliba kien fissirlu illi d-diskrepanzi kienu dovuti ghall-fatt illi Saliba ma kellux introjtu iehor ; pero` kellu wkoll familja xi jmantni bi tlett itfal li kienu qeghdin jikbru. Dak qaghad ghar-raguni li kien inghata minn Saliba. Bhala fatt Saliba ikkopera hafna ma` Stephen Galea u beda jaghtih kull informazzjoni possibbli sabiex isibu tarf tad-diskrepanzi li kienu qeghdin jirrizultaw fl-*accounts*. Minn dak l-ezercizzju rrizulta li kien hemm hafna flus nieqsa. Ghalhekk l-unika triq li hu kellu kienet li jibda proceduri kontra Saliba izda dik it-triq kienet ser ittemm ir-relazzjoni ta` bejniethom.

Stqarr illi l-inkwiet beda jberraq ghall-habta tal-2004/2005 meta Lombard Bank beda jinsisti maghhom li l-affarijiet tal-kumpanniji kellhom

ikunu sewwa, u li jsir *accounts* li minnhom tkun tohrog stampa cara u reali tal-istat finanzjarju tal-kumpanniji.

Fisser li meta Saliba wasal fl-ahhar, huwa nsista li tkun maghrufa s-sitwazzjoni kollha. Basar li meta Saliba jigi nieqes, huwa kien ser jispicca jiffaccja l-problemi kollha wahdu. Is-sitwazzjoni kienet wahda ddisprata ghaliex id-dejn kien ilahhaq ghal madwar €750,000. Lejn l-ahhar Saliba baghat ghalih billi ried ikellmu. Hu hekk ghamel u fl-inkontru ghaddielu ittra fejn spjega d-diskrepanzi li kienu qeghdin jirrizultaw fl-*accounts*. Bhala fatt irrizulta li Saliba baqa` jiehu l-flus mill-kumpanniji sa ftit qabel miet.

Xehed illi Karizia spiccat taghmel tajjeb kemm ghad-dejn taghha kif ukoll ghad-dejn ta` Surgiquip Ltd li kien jammonta ghal madwar €70,000.

Kompla jixhed illi meta sar maghruf li Saliba kellu marda terminali, Bank of Valletta plc baghat javza li ma kienx sejjer jibqa` jsostni l-pozizzjoni tal-klijenti tieghu ghaliex dawn ma kienux qeghdin jipprezentaw *accounts*. Gara li dak il-bank qieghed lill-kumpanniji fi stat ta` *recovery.* Ghalhekk huwa beda jfittex bank iehor. L-uniku li kien lest jaghti finanzjament kien HSBC li pero` mpona kondizzjoni li l-kontijiet tal-kumpanniji kollha kellhom ikunu konsolidati u fdati ma` dak il-bank. Huwa personalment kien kostrett johrog flus minn tieghu, u kellu jikseb self hu mill-bank. Spicca ghamel tajjeb bi hwejgu, bi hwejjeg il-genituri tieghu, u bi propjeta` parafernali ta` martu.

Stqarr illi bhala azzjonista huwa approva u ffirma l-ittri tal-14 ta` Lulju 2010 li ntbaghtu lill-*company secretary* ta` Karizia u ta` The Village. Bhala fatt baghat l-ittri lilu stess ghaliex huwa l-*company secretary* taz-zewg kumpanniji. Fl-ittri huwa ghamilha cara li ma kienx sejjer japprova r-registrazzjoni tal-ishma ta` Joseph Saliba favur ir-rikorrenti. Skont l-M&A hu kellu jaghti l-approvazzjoni tieghu sabiex issir ir-registrazzjoni. Billi ma kellux pjacir bl-eredi ta` Joseph Saliba, ghazel li jirrifjuta li japprova r-registrazzjoni. L-ittri tal-14 ta` Lulju 2010 kienu kkupjati lir-rikorrenti semplicement ghaliex ma kienx jaf sewwa sew min kienu l-eredi u ma kienx jaf x`pozizzjoni hadu dwar l-accettazzjoni tal-wirt. B`ebda mod ma kien qed jirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala membri.

Kompla jixhed illi wara li miet Joseph Saliba, sar jaf li kien ghamel testment. Sar jaf ukoll min kienu l-eredi. Kienu min kienu l-eredi, huwa ma kienx dispost japprova li jiehdu post Joseph Saliba bhala membri.

Qal illi fl-ittri tal-14 ta` Lulju 2010 inghad li kien ser jitqabbad awditur sabiex jistma l-valur tal-ishma skont l-ahhar *audited accounts* in linea ma` dak previst fl-artikolu 4(i) tal-*Articles of Assocation*. Ma ftakarx liema kienu l-ahhar *audited accounts* taz-zewg kumpanniji li kienu lahqu saru qabel intbaghtu l-ittri tal-14 ta` Lulju 2010.

Saret referenza ghad-dokument immarkat `AN 1`[1] mnejn jirrizultaw id-dokumenti kollha li kienu sottomessi minn mindu kienet kostitwita Karizia. Bhala fatt fit-28 ta` Jannar 2011 kienu prezentati sitt (6) settijiet ta` *accounts*. Minn `Dok. AN 2` jidher illi l-uniku sett ta` *accounts* li qatt gew prezentati minn mindu kienu kostitwita The Village kien dak tat-28 ta` Jannar 2011.

Ikkonferma li skont l-ittri tieghu tal-14 ta` Lulju 2010, il-valur tal-ishma kellu jigi stabbilit abbazi tal-ahhar *audited accounts*.

Xehed illi fil-mument meta ntbghatu l-ittri tal-14 ta` Lulju 2010 ma kienx hemm *audited accounts* lesti li fuqhom setghet issir il-valutazzjoni. Madanakollu il-kontijiet eventwalment tlestew u b`hekk il-valutazzjoni setghet issir.

Fisser illi ghalkemm Joseph Saliba kien accountant, ma kienx ghamel xogholu sewwa u l-*accounts* ma tlestewx ghal ragunijiet imputabbli lil Joseph Saliba. Konsegwenza ta` dan, huwa sab ruhu f`morsa li pprova johrog minnha. Huwa nkarika awdituri u *accountants* tajbin sabiex jghinuh. Waqt il-process ta` thejjija tal-*accounts* instab "*hafna tahwid*". Wara li l-*accounts* tlestew, kienu prezentati fil-pront minhabba l-multi kbar li kien hemm involuti ghal dewmien.

Qal illi l-hsieb tieghu kien li jakkwista l-ishma li kellu Joseph Saliba.

Il-valur tal-ishma nizel konsewgenza tad-djun li kellhom il-kumpanniji. Fuq medda ta` seba` snin kien hemm sottrazzjoni ta` €600,000, li saret kollha kemm hi minn Joseph Saliba ad insaputa tieghu. Kien ghalhekk illi kien hemm rezistenza shiha sabiex isiru l-*accounts.* Il-konsegwenza kienet li l-kumpanniji spiccaw fuq sieq wahda.

Kompla jixhed ill qabel miet Joseph Saliba fis-27 ta` Settembru 2007, il-kumpanniji kienu jitmexxew minn zewg diretturi. Wara l-mewt ta` Joseph Saliba, huwa baqa` l-uniku direttur taz-zewg kumpanniji sakemm inhatar direttur iehor. Fiz-zmien meta kien l-uniku direttur, iffirma kemm cheques, kif ukoll kuntratti ghan-nom tal-kumpanniji. Il-hatra tat-tieni direttur saret wara li kienet attirata l-attenzjoni tieghu. Ma ftakarx min kien gibed l-attenzjoni tieghu. Ighid illi kienet biss kumbinazzjoni li t-tieni direttur inhatar wara li saret din il-kawza. Id-direttur il-gdid kien missieru Salvino Debono.

Xehed illi wara l-mewt ta` zewgha, Maria Saliba talbet li tiltaqa` mieghu. Hu accetta. Iltaqghu il-Belt. Waqt li saret il-laqgha, Maria Saliba qalet li riedet tiehu post zewgha. Hu qalilha car u tond li ma kienx ser jirrikonoxxiha bhala membru jekk hi ma kinitx disposta tikkontribwixxi fil-hlas tad-djun. Tul il-hajja kummercjali taghhom il-kumpanniji kienu ssellfu flus mill-bank u kien hu personalment li kien ghamel tajjeb ghad-dejn. Il-pozizzjoni tieghu kienet cara li fis-sens li Maria Saliba setghet issir azzjonista biss jekk taccetta li terfa` l-piz tal-kumpanniji.

Kompla jghid illi ghalkemm qatt ma rrikonoxxa lill-eredi bhala membri tal-kumpannija, fl-istess waqt stieden lir-rikorrenti sabiex jattendu laqghat tal-kumpanniji.

F`korrispondenza tat-28 ta` Jannar 2010 hu jghid illi r-rikorrent Michael Debono bhala *trustee* ma kienx ikkopera mal-azzjonisti tal-kumpannija ossia mieghu sabiex jigu rizolti kwistjonijiet finanzjarji urgenti mal-bank u ma` tat-taxxa.

B`kuntratt tat-28 ta` Awissu 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony

---

[1] A fol. 221-223 tal-process.

Abela u b`kuntratt iehor tat-22 ta` Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zaffarese, inbieghu zewg proprjetajiet li kellha Karizia, u cioe` l-ispizerija 65, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, u binja 67, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha. Il-bejgh kellu jsir sabiex jithallas il-bank. Originarjament il-hsieb kien li l-ispizerija ticcaqlaq ghall-proprjeta` adjacenti. Dan il-hsieb baqa` ma twettaqx ghaliex kien hemm hafna dejn u ghalhekk il-fondi kellhom jinbieghu sabiex jithallas id-dejn. Id-dejn kien ta` Karizia u ta` Surgiquip.

Mistoqsi ghaliex ma kkonsultax mar-rikorrenti qabel sar il-bejgh tal-proprjeta`, wiegeb illi ghalkemm il-qorti ddikjarat li r-rikorrenti ghandhom interess, lanqas ma ddikjarat li huma azzjonisti. Id-decizjoni dwar il-bejgh ittiehdet mid-diretturi. Dawn ma kellhomx ghalfejn jikkonsultaw mar-rikorrenti qabel jipprocedu ghall-bejgh, anke ghaliex ir-rikavat tal-bejgh mar sabiex jithallas il-bank.

Skont l-intimat, mid-dokumentazzjoni estensiva li pprezenta, in partikolari l-atti gudizzjarji, jirrizulta li Maria Saliba kienet taf li Karizia kellha diversi djun u li sabiex jigi evitat il-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` tal-kumpannija, kien ipprova jbiegh il-proprjeta` sabiex mir-rikavat jithallas id-dejn.

Spjega li r-rikorrenti gew mistiedna jattendu ghal laqghat tal-kumpannija semplicement bil-ghan illi jintlahaq xi tip ta` ftehim maghhom. Billi kien hemm tharbit kbir fl-*accounts,* ried isir ezercizzju sabiex isir *reconstruction* tal-*accounts.* Kien hemm il-kwistjoni tas-sottrazzjoni tal-flus mill-kumpannija. Kien hemm ukoll xi kawzi pendenti. L-ghazla li kellu kienet illi jew tinbiegh il-proprjeta` biex jithallas il-bank inkella jkompli jaghmel tajjeb hu ghad-djun li kien ghad hemm pendenti. Huwa ma setax ikompli jiffinanzja djun li fl-ahhar mill-ahhar ma kienx ghamilhom hu.

L-intimat ipprezenta prospett. Minnu jirrizulta li matul is-snin huwa ghamel cash injection f`Karizia fl-ammont komplessiv ta` €177,315. Inkluz f`dan l-ammont hemm is-somma ta` €66,000 rapprezentanti dejn ma` J & M Company Limited, liema dejn sar meta kienet akkwistata wahda mill-ispizeriji. Dan id-dejn kien fuq l-azzjonisti personalment kif

ukoll fuq Karizia.  Is-somma ghadha pendenti.  Fil-prospett jidher ukoll li l-intimat ghamel *cash injection* fl-ammont komplessiv ta` €96,084 f`The Village.  L-ammont ta` taxxa dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi huwa ta` €107,477.  Fil-prospett hemm indikat ukoll li qabel il-mewt ta` Joseph Saliba, l-intimat ghamel *cash injection* ta` €94,621 f`The Village u ta` €115,961 f`Karizia.

Skont l-intimat ghalhekk huwa kreditur tal-kumpannija fl-ammont komplessiv ta` €942,216 diviz hekk :-

€210,582 :
versamenti qabel miet Joseph Saliba.

€290,326 :
versamenti wara li miet Joseph Saliba.

€230,726 :
Joseph Saliba ha €461,453 mill-flus tal-kumpannija.
Dawn il-flus kellhom ikunu parti mill-*profit and loss* tal-kumpannija.
Huwa ghandu jedd ghal nofs dawk il-flus.

**Salvino Debono** xehed illi kien mahtur direttur ta` Karizia u ta` The Villiage b`effett mill-24 ta` Jannar 2011.  Il-hatra tieghu kienet idea ta` ibnu l-intimat Mario Debono.  Fil-fatt sar jaf bil-hatra wara li kienet diga` saret.  Da parti tieghu l-kompitu tieghu kien ser ikun illi jaghti pariri biss peress li ma setax jahdem.  Lanqas ma kien ser jippartecipa fil-laqghat tal-bord tad-diretturi.  Spjega li hu ma kienx ser jithallas.  Wara li sar direttur, l-intimat gharrfu li kien sar bejgh ta` assi tal-kumpanniji.

Stqarr illi ghalkemm erbat ijiem wara l-hatra tieghu kienu pprezentati numru sostanzjali ta` *accounts* li jkopru zmien precedenti ghall-hatra tieghu, ma kien jaf xejn.

Wara l-hatra tieghu jirrizulta li l-kumpanniji li taghhom huwa direttur ipprezentaw aktar *accounts.*

Stqarr illi huwa jafda lill-intimat u jhalli kollox f`idejh.

Qal illi lir-rikorrent ma jafux, Mar-rikorrenti jghid li ltaqa` darba wahda biss. Ma jafx ghaliex saret il-kawza odjerna. Ighid li l-kawza qatt ma kienet diskussa mid-diretturi.

Xehed ukoll li mhuwiex firmatarju.

**Fil-kontroezami**, xehed illi kien jaf tajjeb lil Joseph Saliba. Jaf li x-xoghol kien jinqasam bejn Joseph Saliba u inbu l-intimat : ibnu kien jiehu hsieb in-negozju waqt li Joseph Saliba kien jiehu hsieb il-kotba.

Ikkonferma li hu stess ghamel tajjeb bi proprjeta` tieghu ghal self li hadu l-kumpanniji.

**Stefan Bonello Ghio** xehed illi l-professjoni tieghu hija dik ta` *accountant* u awditur.

Qal illi l-ewwel sett ta` *accounts* li taghhom ghamel *audit* kienu dawk tas-sena li ghalqet 31 ta` Marzu 2003 fir-rigward ta` Karizia, u dawk tas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2002 fir-rigward ta` The Village. Huwa ffirma l-audits fil-11 ta` Dicembru 2009. Imbaghad marru ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji wara dik id-data. L-*audits* kienu prezentati flimkien ghaliex kienu dahlu *accounts* ghal diversi snin fl-istess zmien taz-zewg kumpanniji.

Skont l-*accounts* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2005 id-diretturi ta` The Village u ta` Karizia kienu Mario Debono u Joseph Saliba.

Spjega li skont l-*accounts* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2005, The Village kienet *solvent,* izda *cash at bank* kien fin-negattiv. Fl-ahhar ta`dik is-sena, il-*cash at bank net balances* kienu bil-*minus* Lm 3,804 pero` l-kumpannija kienet likwida.

Stqarr illi huwa ma kienx involut fiz-zieda tas-*share capital*.

Qal illi s-*share capital* kien akkreditat b`dik iz-zieda u s-*shareholders/ directors` account* kien debitat bl-istess ammont.

Kompla jghid li fil-Form H lir-Registratur tal-Kumpanniji, tnizzel illi z-zieda fil-kapital kienet saret tramite *cash injection*. Tali *cash injection* solitament issir favur il-kumpannija. Bhala procedura, sabiex issir *cash injection,* l-ewwel irid ikun hemm rizoluzzjoni. Il-Form H saret peress li The Village ziedet is-*share capital* minn Lm 20,000 ghal Lm 50,000. Il-beneficjarju tal-ishma kien Mario Debono.

Kompla jixhed illi l-*ordinary share capital* tal-kumpannija kien akkreditat bl-ammont ta` Lm 25,000 filwaqt li s-*shareholder`s account* ta` Mario Debono kien addebitat bi Lm 25,000. Dan sehh kemm fil-kaz ta` The Village u kif ukoll fil-kaz ta` Karizia.

Il-*credit entry* kien *share capital increase* u ghalhekk l-*corresponding debit entry* kien fl-*account* ta` Mario Debono.

Ma jirrizultax min effettivament hareg il-flus.

Kompla fisser illi t-*trade creditors* jirrapprezentaw flus li jridu jithallsu lill-kredituri tal-kumpannija ghal *trade transactions.*

Ikkonferma li l-*allotment* tal-ishma kien favur Mario Debono.

Stqarr illi fin-note 6 tal-*audit* tas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2005 intestata *"other creditors"*, hemm imnizzel bilanc ta` Lm 59,132. Minnhom Lm 23,878.94 jirrapprezenta bilanc favur Mario Debono.

Qal illi meta kien qed isir l-*audit*, saret verifika mal-*book keeping transaction* u kien konfermat li kienet tajba.

**Steven Galea** xehed illi l-professjoni tieghu hija dik ta` *accountant* u awditur.

Kellu l-inkariku minn Mario Debono u Joseph Saliba sabiex ihejji l-*accounts* tal-kumpanniji taghhom. Beda fl-2006. Meta dawn tlestew, l-*accounts* marru ghand l-awditur Stefan Bonello Ghio. L-awdituri ta` qabel dan kienu Falzon & Falzon.

Huwa beda jahdem fuq l-*accounts* minn dokumenti li kien inghata minn Saliba. Hejja l-*accounts* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2005. Kien l-*accountant* ta` kull *audit* li sar minn Bonello Ghio fir-rigward ta` dawn il-kumpanniji.

Ikkonferma li saret zieda fis-*share capital* izda meta saret ma kienx involut. Iz-zieda kienet minn figura ta` Lm 20,000 ghal figura ta` Lm 45,000.

Qal illi meta jkun hemm zieda fil-kapital, ikun irid isir *general meeting* sabiex jigu kompletati l-formoli li mbaghad imorru r-Registru tal-Kumpanniji. Sabiex saret iz-zieda fis-*share capital*, kellu jkun hemm *transfer* minn kont bankarju.

Mistoqsi ghaliex ma tnizzilx li The Village kellha investiment go Karizia u vice versa, xehed illi ma kienx hekk fil-fatt.

Abbazi tad-dokumenti, seta` jghid b`certezza li fil-fatt sehhet zieda fis-*share capital*. Solitament meta azzjonista jkollu jiehu flus, il-kumpannija tohrog cheque lill-azzjonista u dan jerga` jiddepozitah fil-kumpannija. Fil-kaz tal-lum, kien hemm kreditu ta` *share capital* li kien addebitat fil-kont ta` Mario Debono. Dan kien ghamel varji depoziti ta` flus lill-kumpanniji li kienu ilhom jakkumulaw. Originarjament kien hemm ammonti dovuti mill-kumpanniji lil Mario Debono u ghalhekk dan thallas lura flus li kien hareg.

Mistoqsi ghaliex fin-note 6 tal-*accounts* l-ammont tad-debituri ma kienx naqas, huwa spjega li kien hemm debituri ohra u ghalhekk l-ammont zdied u mhux naqas.

Ikkonferma li z-zieda tas-*share capital* tal-kumpanniji marret favur Mario Debono.

Fisser li Dok SG1 huwa d-dokument dwar il-kont li kellu Mario Debono ma` The Village.

Id-depoziti li jsiru jkunu fuq in-naha tal-krediti (*credit)* u l-flus li jkunu ngibdu jkunu fuq in-naha ta` debiti (*debit).*

Ma setax jiftakar jekk kienx informa lill-awditur dwar il-fatt li nonostante li kien hemm zieda fis-*share capital* favur Mario Debono, il-flus effettivament ma kienux ittiehdu minn kontijiet ta` Mario Debono.

Ipprezenta lista tad-debituri ta` The Village u ta` Karizia.

Skont Dok SG4, fl-ahhar tal-2004, l-unici debituri ta` The Village kienu Alliance Unichem Ltd u Karizia.

Skont Dok SG1, Mario Debono kellu jiehu minn The Village s-somma ta` Lm1,121.06. F`dan id-dokument, jirrizulta illi kien hemm caqlieq fil-*current account* ta` Mario Debono li jirrifletti s-*share increase* li sehh.

Kien hemm hafna *inter account transactions* u ghalhekk fl-ahhar tas-sena jkun hemm *tidying up* hekk kif fil-fatt sar meta tnehhiet is-somma ta` Lm 25,000.

Fin-nuqqas, il-bilanc kien ikun dak ta` Lm 26,121.

Dwar Karizia, xehed illi d-dokumenti relattivi huma Dok SG 2 u SG3. Fl-ahhar tas-sena li ghalqet Marzu 2004, Mario Debono kellu jaghti lil Karizia s-somma ta` Lm 28,274.33. Fid-dokumenti hemm imnizzel li kien hemm hlas ta` Lm 25,000 ghal *set off* ta` ammont dovut lil The Village. Mario Debono kellu jiehu minghand The Village ; kellu jiehu Lm 25,000 u hadhom lura f`kumpannija ohra.

Qal illi meta kontijiet ta` kumpanniji jkunu bejn xulxin, isir *tidying up* sabiex terzi persuni ma jippreokkupawx ruhhom meta jaraw daqstant kredituri u/jew debituri.

Stqarr illi fl-ahhar ta` Dicembru 2001, The Village kienet *at a loss* peress li kienet tilfet Lm 7,500. Kien hemm imnizzel Lm 92,561 bhala *other creditors* liema somma kienet tkopri *bank overdraft, trade creditors, accruals* u *deferred income.*

Fl-*accounts* ghas-sena li ghalqet Marzu 2005, Karizia kellha *retained earnings* ta` Lm 19,963.

Jekk ikun hemm *shareholder`s loan* din titnizzel bhala *entry* taht *other creditors.*

Fil-**kontroezami** xehed illi l-pagamenti li jidhru ndikati fl-affidavit a fol 115 tal-process jaqblu mal-konteggi tieghu.

Stqarr illi f`The Village, Mario Debono ghamel depoziti ammontanti ghal : Lm 23,500 - Marzu 2004 ; Lm 1,000 - Marzu 2002 ; Lm 3000 - Gunju 2003 ; Lm 7000 - Dicembru 2003 ; Lm 3,000 - Dicembru 2003 ; u Lm 3,121 - Jannar 2004 : total ta` Lm 40,621 li marru ghand The Village.

Favur Karizia, jirrizulta li Mario Debono ghadda Lm 49,782.

Kompla jghid li abbazi tad-dokumenti, jidher li Joseph Saliba ma

jirrizultax li ghamel depoziti favur The Village.

Il-pagamenti li ghamel Debono kienu flus li tpoggew fil-kumpannija.

Stqarr illi bhala *accountant* ma kienx ta` interess ghalih li jara jekk dawk il-flus kinux *cash injection* bl-idea li ma jithallsux lura jew ikunux *shareholders` loan.*

Mid-dokumenti li kienu l-MFSA, ma jirrizultax li kien hemm *capitalization of a loan.*

**<u>Julius Yomtob Nehorai</u>** xehed illi kien appuntat bhala *trustee* fl-eredita` ta` Joseph Saliba.

Stqarr illi huma ghamel ezercizzju li kien intiz sabiex ikun jaf x`kienet il-konsistenza tal-patrimonju ta` Saliba. Irrizulta li kien hemm proprjeta` kemm Malta kif ukoll Ghawdex. Kellu wkoll ishma f`kumpanniji li kellu bi shab ma` Mario Debono. Inoltre kellu wkoll ammont ta` flus konsiderevoli li kienu depoziti bankarji.

Xehed li tkellem ma` Mario Debono wara li rrizulta li l-*accounts* tal-kumpanniji kienu lura ghal diversi snin. Kienx dan qabel jew wara l-mewt ta` Joseph Saliba ma setax jiftakar. Il-qaghda finanzjarja tal-kumpanniji ma kinitx b`sahhitha. Jiftakar illi meta Joseph Saliba kien diga` rikoverat l-isptar u kien fl-ahhar jiem ta` hajtu, kien ghadda ittra lil Mario Debono. Fl-ittra esprima d-dispjacir tieghu ghall-fatt illi ad insaputa ta` Mario Debono kien ha xi flus mill-kumpanniji. Jghid illi kien hu stess illi ghen lil Joseph Saliba sabiex kiteb din l-ittra, u Saliba ffirmaha qabel ghaddiha lil Mario Debono.

Kompla jixhed illi in vista tal-qaghda finanzjarja tal-kumpanniji, saru wkoll laqghat ma` Stephen Galea bil-ghan li ssir rikostruzzjoni tal-*accounts*. L-informazzjoni kollha disponibbli ghaddiet ghand Stephen Galea izda rrizulta li ma kenitx bizzejjed sabiex issir rikostruzzjoni shiha.

Spjega illi huwa dam fil-kariga ghal zmien relattivament qasir ghaliex ulied Joseph Saliba ma kienux qeghdin jaccettawh bhala *trustee*. Da parti tieghu hass li kien ahjar iwarrab sabiex jevita konflitti fil-familja.

**<u>Fil-kontroezami</u>** xehed illi ma damx *trustee* ghal aktar minn hames xhur. Ulied Joseph Saliba kienu l-beneficjarji tat-*trust.*

Xehed illi wara l-mewt ta` Joseph Saliba kien baqa` biss direttur wiehed ghall-kumpanniji kollha. Ghalkemm ikkollabora ma` Mario Debono u mal-*accountants* sabiex issir ir-rikostruzzjoni tal-*accounts*, bhala *trustee* hu qatt ma nsista li dawn isiru.

Cahad li l-ittra li Saliba ghadda lil Mario Debono nkitbet bl-ghajnuna ta` avukat.

**<u>P.L. Quentin Tanti</u>** ghar-Registratur tal-Kumpanniji xehed illi ghar-rigward ta` The Village, jirrizulta li fis-26 ta` Jannar 2011 kienu prezentati l-*financial statements* ghas-snin ta` bejn 2002 u l-2006. Qabel dakinhar ma kienux prezentati *accounts*. Fid-19 ta` Jannar 2001 Mario Debono kien l-uniku direttur ta` The Village. Skont Form K li kienet registrata fis-26 ta` Jannar 2011 jirrizulta illi Salvino Debono nhatar bhala direttur ta` The Village b`effett mill-24 ta` Jannar 2011.

Dwar Karizia xehed illi fit-28 ta` Jannar 2011 kienet prezentati l-*financial statements* ghas-snin ta` bejn l-2003 u l-2008. Qabel dakinhar ma kienux prezentati *accounts*. Fid-19 ta` Jannar 2010 Mario Debono kien l-uniku direttur ta` Karizia. Skont Form K, li kienet registrata fis-26 ta` Jannar 2011, jirrizulta illi Salvino Debono nhatar bhala direttur ta` Karizia b`effett mill-24 ta` Jannar 2011.

Qal illi fl-14 ta` Lulju 2010 ebda *financial statements* ta` The Village u ta` Karizia ma kienu prezentati.

**Mark Gauci** - Manager - Lombard Bank plc - xehed illi Karizia ma kellhiex kontijiet maghhom.

Qal illi The Village kellha kont *overdraft* li nfetah f`April 2002 u nghalaq f`Jannar/Frar 2012. Il-bilanc dovut lil Lombard kien ta` €118,695.08. Dan thallas minn bank terz mal-gheluq tal-kont.

Stqarr illi meta nftetah dak il-kont kienet ittiehdet ipoteka specjali fuq The Village Pharmacy, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha. Il-fond kien proprjeta` ta` Saldep Holdings Ltd. Meta nbieghet din il-proprjetal-ipoteka specjali marret fuq *ground floor warehouse* fi Triq Kalanc Saliba, Zurrieq, proprjeta` ta` Mario u Jackie Debono. Fuq il-bilanc misluf kien hemm ukoll garanziji personali. Fil-bidu, il-garanziji kienu nghataw minn Mario u Jackie konjugi Debono, u minn Joseph u Mary konjugi Saliba. Meta gie nieqes Joseph Saliba, il-garanzija tal-konjugi Saliba daret fuq Mary Saliba wahedha. Ma kien hemm ebda ipoteka fuq beni tal-konjugi Saliba.

Kompla jixhed fiz-zmien kollu kemm dam miftuh il-kont, l-aktar li kien jitkellem kien ma` Mario Debono ghalkemm kien hemm okkazjonijiet fejn tkellem ukoll ma` Joseph Saliba. Fisser illi l-pozizzjoni tal-bank inbidlet fl-2005 meta l-bank ircieva ittra minghand l-avukat ta` Maria Saliba fejn wara li kien infurmat li kien hemm problemi matrimonjali bejn il-konjugi Saliba, Maria Saliba kienet qeghda tirtira l-garanzija personali. Il-konsegwenza kienet illi l-bank waqqaf il-kont. Sa dak iz-zmien il-kont kien jopera regolarment bi dhul u hrug.

Stqarr illi wara li l-bank waqqaf il-kont, saru diversi laqghat l-aktar ma` Mario Debono. Dak iz-zmien iz-zewg diretturi kienu talbu li jinfetah kont f`isem Mario Debono personalment sabiex il-kumpanniji joperaw b`dak il-kont. Il-bank accetta u fetah *current account.* Kien hemm ukoll *overdraft* zghir li ghalih ghamel tajjeb Mario Debono personalment. Ghalkemm il-kont kien fuq Mario Debono, intuza ghan-negozju tal-kumpanniji. Id-decizjoni li jinfetah kont fuq Mario Dabono kienet difficli ghaliex l-esperjenza tal-bank kienet illi diversi cheques tal-kumpanniji ma setghux jigu onorati billi ma kienux koperti b`fondi fil-kont.

**Fil-kontroezami** xehed illi meta kumpannija titlob il-ftuh ta` *overdraft account* il-bank jitlob *audited accounts* ta` dik il-kumpannija sabiex jara jekk il-qaghda finanzjarja taghha tkunx vijabbli. Ma ftakarx jekk meta kienet koncessa l-*overdraft facility* il-bank talabx l-*audited accounts* ta` The Village.

Qal illi sakemm gie nieqes Joseph Saliba il-firmatarji fuq dan il-kont kienu z-zewg diretturi : Joseph Saliba u Mario Debono. Wara li miet Joseph Saliba, kien jiffirma Mario Debono wahdu.

**Angeline Casha** ghal HSBC Bank Malta plc xehdet dwar kontijiet li kellhom The Village u Karizia.

Dwar The Village, xehdet illi :

Fis-26 ta` Lulju 2007, The Village kellha *loan* ta` Lm 2000 ekwivalenti ghal €4,658.75, li thallset sal-21 ta` Mejju 2010. Ghalhekk il-kont inghalaq.

Fis-6 ta` Dicembru 2010 ittiehdet *loan* ohra ghal €32,000, li thallset sal-1 ta` Gunju 2013. Ghalhekk il-kont inghalaq.

Dwar Karizia, xehdet illi :

Fi Frar 2007, inghatat *loan* ta` Lm 8,240 li thallset fi Frar 2011.

Fil-31 ta` Awissu 2007 harget *overdraft facility* ta` €174,710, li baqghet tintuza sal-2012.

Fl-2007 hadet ukoll self ta` Lm 140,000, iehor ta` Lm 25,000, u iehor ta` Lm 60,000. Dawn il-*loans* thallsu fl-2012.

Stqarr illi The Village ghad ghandha *current account* li ntuza l-ahhar fil-21 ta` April 2015 u li fih zbilanc ta` €3,470, waqt illi Karizia ghad ghandha *current account* li ntuza l-ahhar fis-26 ta` Settembru 2016 u li

fih zbilanc ta` €105.63.

Ipprezentat *sanction letter* datata 21 ta` Ottubru 2008 li turi erba` (4) facilitajiet ta` self.

Inghatat bhala garanzija : ipoteka generali fuq l-assi kollha ta` Karizia ; ipoteka generali fuq l-assi kollha ta` Mario Debono u Jacqueline Drury ; ipoteka specjali fuq il-fondi 65, 67 u 69 fi Triq George Borg Olivier, Mellieha ; ipoteka specjali fuq 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq ; u ipoteka specjali ta` Salvatore (sive` Salvino) u Carmen Debono fuq il-fond "Blue Bell", Triq Santa Katerina, Zurrieq.

**Edward Mizzi** ghal HSBC Bank Malta plc xehed illi The Village kellha zewg kontijiet li nfethu fl-2015.

Jidher illi fit-13 ta` Marzu 2014 inhareg *cheque* fl-ammont ta` €2,895 pagabbli lil ARMS Limited liema bilanc ghadu *outstanding*.

Karizia kellha hames kontijiet li erbgha minnhom kienu *overdraft* u kont wiehed abbinat ma` *credit card*. Fl-2012 sar trasferiment minn bank ghal iehor u dawn il-bilanci thallsu.

Fl-2007 u 2010 inghata self lil The Village. Self minnhom thallas lura fl-2010 waqt li s-self l-iehor thallas fl-2013.

**Maria Xuereb** kienet tahdem bhala *relationship manager* ma` HSBC Bank Malta plc. Illum m`ghadhiex ghaliex qeghda tahdem ma` BNF Bank. Lill-intimat tafu. Taf ukoll il-kumpanniji li kien jirrapprezenta.

B`referenza ghal `Dok. AC 1`[2] tghid illi din hija *renewal sanction letter* li hareg HSBC Bank plc fil-21 ta` Ottubru 2008 sabiex tkompli tinghata *overdraft facility* li kienet ser tintuza ghall-operat ta` Karizia.

Fid-dokument il-bank ikkonferma wkoll il-koncessjoni ta` *commercial property loan* li nghatat bhala *end finance* sabiex tinxtara proprjeta` fil-Mellieha. Jidher ukoll li kienu koncessi zewg *loans* ohra : wahda minnhom kienet *bridge loan* li baqghet fis-sehh sakemm inbieghet proprjeta` ohra ; il-*loan* l-ohra intuzat sabiex thallsu xi djun li kellha kumpannija ohra.

Qalet illi meta ntalbu dawn il-facilitajiet, ir-*relationship manager* li dak iz-zmien ha hsieb il-kwistjoni kien haddiehor. Fil-fatt il-file ghadda ghandha.

Kompliet tixhed illi wara li bdiet tahdem ma` BNF Bank il-kumpanniji in kwistjoni baqghu ghal xi zmien klijenti taghha. Taf li kien hemm *re-financing* minn BNF Bank tal-facilitajiet li l-klijenti kellhom ma` HSBC. Apparti dan BNF Bank kien ukoll ikkonceda facilitajiet godda : *business loan* fl-ammont ta` €406,000 ; u self iehor ta` €174,000 bhala *overdraft* li zdied ghal €250,000. Bil-*business loan* thallsu l-pendenzi li kien hemm ma` HSBC. Sakemm damet issegwi lill-klijenti hi, qatt ma rat problemi partikolari ; gieli kien hemm arretrati fil-pagamenti jew inkella jinqabez bi ftit il-limitu tal-*overdraft,* pero` l-pozizzjoni kienet tigi regolarizzata minghajr inkwiet.

Stqarret illi ghalkemm mill-M&A taz-zewg kumpanniji kienu jirrizultaw azzjonisti u diretturi ohra, hija dejjem ittrattat ma` Mario Debono. Mid-dokumenti bankarji jirrizulta illi fuq is-self kollu kienet inghata garanzija personali minn : Mario Debono u Jacqueline Debono Drury, kif ukoll minn Carmen Debono u Salvatore Debono ; dawn tal-ahhar huma l-genituri ta` Mario Debono.

**Luke Bonello** minn BNF Bank xehed illi fl-2001 nghataw diversi *credit facilities* lil Karizia u lil The Village. Il-bicca l-kbira tal-pendenzi thallsu fl-2014. Imbaghad bilanc zghir li kien ghad hemm pendenti thallas fl-2017.

**Ray Brockdorff** – Manager – APS Bank plc – xehed li kien ilu jahdem mal-bank ghal seba` snin. Qabel kien jahdem bhala *lending*

[2] A fol. 821 *et seq* tal-process.

*manager* ma` HSBC Malta.

Xehed illi l-intimat Mario Debono, kif ukoll Karizia u The Village kienu klijenti ta` HSBC Malta. Fil-kariga tieghu mal-bank, kien ben edott min-natura tan-negozju ta` Mario Debono. Fil-fatt kien inghata diversi facilitajiet bankarji konsistenti f`self matul is-snin. HSBC dejjem ittratta ma` Mario Debono.

B`referenza ghad-dokument `Dok. AC 1`[3], spjega li din hija *sanction letter* dwar renewal ta` self. Xehed illi sakemm kien ghadu jahdem ma` HSBC kienu gew koncessi *overdraft facility* u *commercial property loan* fuq farmacija fil-Mellieha. In-negozju dwar dawn il-facilitajiet dejjem sar ma` Mario Debono. Huwa qatt ma ltaqa` ma` d-direttur l-iehor tal-kumpanniji.

Afferma li l-kumpanniji kienu jgawdu *a healthy financial status* tant illi HSBC kien lest igedded il-facilitajiet ta` self. L-ammont li kien misluf baqa` ma giex utilizzat kollu. Fuq dan is-self kienet saret ipoteka generali u garanzija personali moghtija minn Mario Debono. Saret ukoll ipoteka specjali fuq 69, George Borg Olivier Street, Mellieha, kif ukoll fuq 65 u 66 George Borg Olivier Street, Mellieha. Saret ipoteka specjali ohra fuq il-fond 12, House 3, St. Bartholomew Street, Zurrieq, li kien ta` Jacqueline Drury, il-mara ta` Mario Debono. Il-hlas lura tas-self sar mill-operat tal-farmaciji stess. Il-pagamenti kienu regolari.

Spjega illi mir-revizjoni tas-self li kienet issir mill-bank kull sena, irrizultat stampa sodisfacenti.

**Fil-kontroezami**, xehed li meta ssir ir-revizjoni, il-bank ihares lejn l-*audited accounts* tal-kumpannija. Billi xi *audited accounts* kienu b`lura, il-bank kellu jirreferi ghall-*management accounts*.

## III. L-Art 402 tal-Kap 386

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal dawk mis-subartikoli tal-Art 402 li tqis rilevanti ghall-istanza tal-lum :–

> *(1) Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*
>
> *…*
>
> *(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) … il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista` taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa -*
>
> *(a) li jirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija fil-futur ; jew*
>
> *(b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta` xi att propost ; jew*
>
> *(c) jehtieg lill-kumpannija li taghmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel ; jew*
>
> *(d) jipprovdi ghax-xiri tal-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghat-tnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug tal-kumpannija ; jew*
>
> *(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f`isem u ghan-*

[3] A fol. 821 *et seq* tal-process.

*nom tal-kumpannija ; jew*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta` kumpens minn dik il-persuna li tista` tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni ; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*(4) Meta jsir ordni ghax-xoljiment ta` kumpannija skond is-subartikolu (3)(g), il-kumpannija ghandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta` dan l-Att li jirregolaw l-istralc ta` kumpanniji ghandhom japplikaw.*

*(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista` jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.*

Ghalkemm id-dicitura tal-Art 402(1) ittiehdet testwalment minn disposizzjoni simili li tirrizulta fil-Companies Act ta` New Zealand, tajjeb jinghad illi l-ligi ta` New Zealand segwiet l-izvilupp legislattiv tar-Renju Unit. Fl-Ingilterra, id-disposizzjoni li kienet tirregola l-*unfair prejudice action* fil-Companies Act 1985 kienet Sec 459. Meta saret il-Companies Act 2006, l-azzjoni bdiet tigi regolata b`Sec 994(1) fis-sens illi Sec 459 thassret ghal kollox mill-Companies Act 1985 u dahlet ezatt kif inhi f`Sec 994(1) tal-Companies Act 2006.

Fil-pag 485 tal-ktieb **<u>Company Law</u>** (Fourth Edition – 2016 – OUP) **<u>Brenda Hannigan</u>** tghid :-

*"Where the court is satisfied that a petition under s. 994 is well founded, it may make such order as it thinks fit for giving relief in respect of matters complained of [s 996(2)]"*

**Sabiex tinghata ordni skont kif previst fis-subartikoli (3), (4)**

**u (5) tal-Art 402, hija tassattiva l-prova tal-att li minnu jkun qed jilmenta r-rikorrent.**

**Dan ifisser illi jekk abbazi tal-provi, il-qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi mbaghad biex taghti l-ordni li jidhrilha opportuna skont is-subartikoli l-ohra. Jekk il-prova tkun insodisfacjenti ghaliex ma jkunx irrizulta dak previst mis-subartikolu (1), allura l-qorti ghandha tieqaf hemm, u m`ghandhiex tapplika s-subartikoli l-ohra. Ghalhekk il-prova tas-sussistenza legali u fattwali ta` dak li jipprovdi s-subartikolu (1) huwa pregudizzjali ghall-prosegwiment tal-azzjoni.**

## IV. Il-prova

Fil-Pag 1317 ta` **Principles of Maltese Company Law** (Volume Three : Second Edition : MUP : 2019) **Andrew Muscat** ighid illi fuq ir-rikorrent jistrieh il-piz tal-prova li l-att jew omissjoni lamentata jaqa` fl-ambitu tas-subartikolu (1).

Ighid –

> *"This wording (tal-subartikolu 1) clearly suggests that the member need only prove one effect of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole)."*

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et**" inghad hekk :–

> *Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li… (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-*

*kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

Fil-pag 492 ta` **Company Law** (op. cit.) **Brenda Hannigan** tkompli tirrimarka :-

*"Whether the company`s affairs are being or have been conducted in a manner which is unfairly prejudicial to the petitioner`s interest is an objective, not a subjective, matter. The prejudice must be real, rather than merely technical or trivial, and the petitioner does not have to show that the persons controlling the company have acted deliberately in bad faith or with a conscious intent to treat him unfairly.*

*The conduct complained of must be prejudicial in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest of the member (usually, but not limited to financial damage) and also unfairly so (usually connoting some breach of company law or the constitution but not limited to that) and it is not sufficient if the conduct satisfies only one of these tests."*

## V. L-Art 402(1) tal-Kap 386

### 1. Gurisprudenza

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Ellis vs Ellis**" inghad hekk :–

> *Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li :*
>
> *(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata ;*
>
> *(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur ;*
>
> *(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

> *… l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess …*
>
> *din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista` jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista` jsofri, pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew*

*diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali tal-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` possibilita` ("**__Vincent Monreal et v. Lino Delia noe__**" deciza mill- Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju,1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza in **__re Bovey Hotel Ventures Ltd__** [(1983) B.C.L.C. 290] li `the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

…

*Fid-decizjoni **__O`Neill v Phillips__** moghtija mill-House of Lords fl-20 ta` Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta` dak li huwa `fair`. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used … The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed."*

Fid-decizjoni **__In Re Bovey Hotel Ventures Ltd__**. (1983) Slade J ighid hekk dwar *unfair prejudice* :-

*The test for unfairness must, I think, be an objective, not a subjective, one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have de facto control of the company have acted as they did in the conscious*

*knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith ; the test, I think is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests.*

Fis-sentenza "**Monreal et vs Delia noe**" (op. cit.) inghad :–

*Dawn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Ellul vs Ellul pro et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*… Fil-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala*

*"The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti tal-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz "**in Re Saul D. Harrison & Sons plc** ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta` gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista` jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b`mod mhux gust ta` pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista` jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut ta-ssocjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz **Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd**. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta` sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista` jinghata, sitwazzjonijiet dawn li x`aktarx jinstabu f` kumpaniji zghar privati li ta` sikwiet jissejhu "quasi partnerhsips", fosthom is-segwenti :-*

*"(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company*

*(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business ;*

*(iii) restriction upon the transfer of the members` interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

Fid-decizjoni tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-7 ta` Ottubru 2016 fil-kawza **Av. Dr. Pio M. Valletta noe vs Jeno Torocsik et** inghad illi sabiex ikun hemm *unfair prejudice*, (a) *it-test irid ikun wiehed oggettiv ;* (b) *m`hemmx htiega li l-attur jipprova l-mala fede ;* (c) *m`hemmx*

*htiega li l-attur jipprova li kien hemm intenzjoni li tikkawza pregudizzju ;* (d) *mhux gust ma jfissirx bilfors li l-agir irid ikun illegali ;* u (e) *l-agir irid ikollu effett negattiv fuq l-attur bhala azzjonist.*

Fid-decizjoni **<u>Re Coroin Ltd</u>** – 2012 – All ER (d) 58(Feb) – EWHC 129 (Ch) – moghtija mic-Chancery Division tal-Ingilterra – David Richards J. qal hekk :-

> *"630. Prejudice will certainly encompass damage to the financial position of a member. The prejudice may be damage to the value of his shares but may also extend to other financial damage which in the circumstances of the case is bound up with his position as a member … The prejudice must be to the petitioner in his capacity as a member but this is not to be strictly confined to damage to the value of his shareholding. Moreover, prejudice need not be financial in character. A disregard of the rights of a member as such, without any financial consequences, may amount to prejudice falling within the section.*
>
> *631. Where the acts complained of have no adverse financial consequences, it may be more difficult to establish relevant prejudice. This may particularly be the case where the acts or omissions are breaches of duty owed to the company rather than to shareholders individually. If it is said that the directors or some of them had been in breach of duty to the company but no loss to the company has resulted, the company would not have a claim against those directors. It may therefore be difficult for a shareholder to show that nonetheless as a member he has suffered prejudice …"*

(ara provvedimenti ohra moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fosthom : **<u>Paul Buhagiar Company Limited vs Paul & Rocco (Gzira) Limited</u>** [28 ta` Settembru 2017] ; **<u>Haake Torsten pro et noe vs SOS It Business Gmbh et</u>** [28 ta` Settembru 2017] ; **<u>B.C Investments Limited vs Bag Investments Co Ltd et</u>** [30 ta` Marzu 2017] ; u **<u>Joseph Busuttil et vs Suzanne Busuttil et</u>** [30 ta` Marzu 2017])

## 2. <u>Dottrina</u>

Fil-pag. 449 ta` **Farrar`s Company Law** (Fourth Edition) jinghad illi :-

> *A member`s interests are not necessarily limited, therefore, to his strict legal rights under the Articles and the Companies` Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company`s affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties.*

Fil-pag. 464 tat-Third Edition ta`**Ferrar`s Company Law** jinghad illi :-

> *… The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the daytoday operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*
>
> *However, as Lord Wilberforce stressed in **Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd**, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the*

*articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders` agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*"That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasipartnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies.*

Fil-pag 409 ta` **Cases and Materials on Company Law** (Fifth Edition) l-awturi **Hicks and Goo** jirrimarkaw illi :-

*In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations and obligations (**Re a company** (No 00477 of 1986 [1986 BCLC 376; **O`Neill v Phillips**. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make*

*detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different …Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasi-partnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section.*

Fil-pag 506 ta` **Company Law** (op. cit.) **Brenda Hannigan** tirrimarka li :-

*"Mere deadlock between the parties who have lost trust and confidence in one another is insufficient then to merit relief under CA 2006, s 994, in the absence of prejudicial conduct."*

Fil-pag 711 ta` **Boyle & Birds` Company Law** (Eight Edition – 2011 – Jordans) jinghad :-

*"The term "unfair prejudice" whether analysed as a `standard` or a `concept` is a arelatively more objective one which is concerned with running the company in a way that is clearly unfair in its consequences to the complaining shareholder, even if the respondents can claim to have acted in the best of good faith."*

Fil-pag 691-692 tal-ktieb **Gower and Davies - Principles of Modern Company Law** (Eighth Edition – 2008 – Sweet & Maxwell) jinghad illi :-

*" … the courts recognised that sec 994 protects expectations and not just rights. Borrowing from public law, it is sometimes said that the section protects the "legitimate expectations" of the petitioner, though more recently the courts have preferred the private law phrase "equitable*

*considerations" [Qorti tal-Appell Ingliza fil-kawza "**Saul D Harrison & Sons plc**" – 1995 – ghall-uzu tal-frazi "legitimate expectations" ; House of Lords – "**O`Neill vs Phillips**" – 1999 – ghall-uzu tal-frazi "equitable considerations"] Whatever the language used, the difficult issue is to distinguish those expectations of the petitioner which are to be classified as "legitimate" or which considerations are to fall within the category of "equitable considerations" and so as deserving of legal recognition and protexction from those expectations which the petitioner may harbour as a matter of fact but which the courts will not protect."*

Fil-pag 569-570 tal-ktieb **Company Law** (26th Edition – 2009/2010 – OUP) l-awturi **Mayson, French & Ryan** ighidu hekk b`riferenza ghad-decizjoni ta` *Re Saul D Harrison and Sons* citata aktar kmieni :-

*"The words `unfairly prejudicial` are general words and they should be applied flexibly to meet the circumstances of the particular case … The conduct [being complained of] must be both prejudicial [in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest) and also unfairly so ; conduct may be unfair without being prejudicvial or prejudicial without being unfair, and it is not sufficient if the conducts satisfies only one of these tests."*

Ikomplu billi jaghmlu riferenza ghal "**O`Neill vs Phillips**" (op. cit.) in partikolari dwar l-ghazla li ghamel il-Parlament Ingliz –

*"Parlament has chosen fairness as the criterion by which the court must decide whether it has jurisdiction to grant relief … it chose this concept to free the court from technical considerations of legal right and to confer a wide power to do what appeared just and equitable. But this does not mean that the court can do whatever the individual judge happens to think fair. The concept of fairness must be applied judicially and the content which it is given by the courts must be based upon rational principles. Although fairness*

*is a notion which can be applied to all kinds of activities its content will depend upon the context in which it is being used."*

## 3. Risultanzi

**Il-Qorti sejra tqis jekk l-ilmenti tar-rikorrenti jissodisfawx il-vot rikjest fl-Art 402(1).**

**Tajjeb li jkun ribadit illi sabiex ikun sodisfatt il-vot tal-ligi huwa bizzejjed jekk tirrizulta mqar wahda mic-cirkostanzi ndikati fid-dispozizzjoni. Tant hu hekk illi l-legislatur ghazel il-konguntiv *jew* mhux l-konguntiv *u* fid-disposizzjoni. Ghalhekk ir-rekwiziti huma alternattivi <u>mhux</u> kumulattivi.**

### a) Sfond

Jirrizulta li sa qabel il-mewt ta` Joseph Saliba, l-azzjonisti u d-diretturi taz-zewg kumpanniji in kwistjoni kienu l-istess Saliba u l-intimat pero` kienu jaqsmu l-kompiti bejniethom fis-sens illi l-intimat kien jiehu hsieb l-*operations* waqt li Saliba kien jiehu hsieb il-kontabilita`. Fuq kollox it-tmexxija tan-negozju kienet fondata fuq il-fiducja tat-tnejn.

Gara pero` li kien jippersisti zbilanc bejn id-dhul u l-hrug. Kellu jkun Saliba li *in primis* iwiegeb ghal dan. Cio` nonostante jidher illi l-intimat qaghad lura milli jadotta atteggjament aktar esigenti u baqa` jhalli l-kwistjoni f`idejn Saliba. Gara li s-sitwazzjoni finanzjarja hadet svolta fin-negattiv bil-konsegwenza li bdiet il-pressjoni mill-banek.

Gravi kien il-fatt illi ma kienux qeghdin isiru *accounts* formali. Lanqas ma kienu qeghdin jigu prezentati *financial statements.* Ghalkemm in-nuqqas kien internament addebitat lil Saliba, anke l-intimat naqas, ghaliex obbligu ewlieni ta` kull direttur huwa li jassigura li l-kondotta tal-kumpannija tkun konformi mal-ligi. U obbligu principali huwa t-tlestija tal-*accounts*, tal-*financial statements,* l-*audit* taghhom u l-presentata taghhom *in an abridged form* lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex minn

hemm ikunu miftuha ghall-iskrutinju tal-pubbliku.

L-intimat xehed fit-tul dwar dawn il-mankanzi. Issofferma in partikolari fuq il-fatt illi wara l-mewt ta` Saliba, sabha difficli biex isib tarf. Ghalhekk kien inkarigat Steven Galea bhala *accountant* bil-ghan li jipprova jsib tarf u johrog l-*accounts*. Wara li tlestew b`certa diffikulta` kienu awditjati minn Stefan Bonello Ghio. Irrizulta li kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji wara l-prezentata tar-rikors promotur.

**b)** **<u>L-obbligi tad-diretturi</u> :**
**(dritt u gurisprudenza)**

L-iprem obbligu generali ta` direttur ta` kumpannija jilhaq il-milja tieghu fl-**<u>Art 136A(1) tal-Kap 386</u>** li jghid illi kull direttur ghandu l-obbligu "*li jagixxi b`onestà u bona fede fl-ahjar interessi tal-kumpannija*".

F`**<u>Howard v Herrigel</u>** [1991(2) SA 660(A)] inghad illi :

"*At common law, once a person accepts appointment as a director, he becomes a fiduciary in relation to the company and is obliged to display the utmost good faith towards the company and in his dealings on its behalf. That is the general rule and its application to any particular incumbent of the office of director must necessarily depend on the facts and circumstances if each*."

L-**<u>Art 136A(2)</u>** jistipola illi d-diretturi ghandhom "*jippromwovu il-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabbli ghal : (a) it-tmexxija generali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniggjar taghha ; u (b) s-sorveljanza generali tal-affarijiet taghha.*"

L-**<u>Art 136A(3)(e)</u>** ighid illi d-diretturi ta` kumpannija "*ghandhom jezercitaw is-setghat li ghandhom ghall-finijiet li jkunu nghataw is-setghat u m`ghandhomx juzaw hazin dawk is-setghat*."

Id-disposizzjoni tipprospetta zewg xenarji :

- meta direttur jagixxi *ultra vires* il-poteri lilu konferiti bl-istatut socjali jew bil-ligi ; u

- meta direttur juza s-setghat tieghu ghal skopijiet ulterjuri.

**i) <u>Imgieba *ultra vires*</u>**

Dwar l-ezercizzju *ultra vires* tas-setghat, issir referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta` Gunju 1951 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Giovanni Anastasi noe vs Kaptan Serafino Xuereb et</u>** fejn inghad :

*"Issa, skond l-artikolu 1763 Kodici Civili, Kap 23, (applikabbli ghas-socjetajiet kkemercjali taht l-art 1741 idem u taht l-art 127 Kap 17 Ediz. Riv.), jekk ma jkunx hemm ftehim xort`ohra, il-jeddijiet setghat u obbligi ta` dawn l-amministraturi huma regolati bhal fil-kaz ta` mandtarju, u skond l-art 1965 Kap 23, fil-mandat jidhlu biss l-attijiet ta` amministrazzjoni. Issa, f`dan il-kaz ma kienx hemm ftehim xort`ohra, u ghalhekk ghandu jigi ritenut li d-directors kellhom biss poteri ta` amministrazzjoni. Lanqas jista` jigi estiz il-mandat taghhom in forza ta` dak li tissejjah "implied authority"; ghaliex kif josserva l-Bowstead "Law of Agency", p. 79 din l-"implied authority" ta` "general agent" qatt ma tista` tigi estiza "outside the ordinary scope of his employment and duties". Issa, ma jistax jigi negat li d-decizjoni li ttiehdet f`dan il-kaz, … kienet toltrepassa ghal kollox il-limit ta` semplici amministrazzjoni. Decizjoni simili ma kienetx tmiss lid-"directors", imma evidentment kienet tmiss lix-"shareholders" f`general meeting [ara ghal dik li hi ligi Ingliza, sect. 278(1)(b) Companies Act, 1948]. Argument sussidjarju ghal din il-konkluzjoni, ghalkemm appena bzonnu, huwa illi l-istess kontraenti, meta riedu jirregolaw il-"kontinwazzjoni" tas-socjeta`, fil-klawsola 4 tal-kuntratt issubordinaw id-decizjoni dwar dina l-kontinwazzjoni mhux lill-Bord of Directors, imma lix-"sharholders" f`"general*

*meeting". Mela hu logiku li wiehed jargumenta li, fil-hsieb tal-kontraenti f`dak l-att, decizjoni simili ma ghandhiex tigi mehuda mill-Bord of Directors, imma mix-"shareholders" f`"general meeting". Ghalhekk, fil-fehma tal-Imhallef sedenti, dik id-decizjoni tal-Bord of Directors kienet invalida fiha nfisha, ghaliex "ultra vires"*.

L-**<u>Art 137(4)</u>** izomm direttur milli jmur *ultra vires* is-setghat tieghu billi ma jippermettix li direttur jaghmel atti jew transazzjonijiet minghajr l-approvazzjoni tal-laqgha generali. Fejn tinsorgi sitwazzjoni ta` din ix-xorta, l-azzjoni tad-direttur tkun tista` tigi mpunjata kif jinghad mhux biss fis-subartikolu (4) izda wkoll fis-subartikoli (5) u (6).

M`ghandux jigi skartat il-fatt illi direttur li jinstab li agixxa *ultra vires* jista` mhux biss isib ruhu rinfaccjat b`multi li jahseb ghalihom il-Kap 386 izda wkoll b`responsabilita` ghal danni skont l-**<u>Art 147(1)</u>** tal-Att dwar il-Kumpanniji.

**ii) <u>Skopijiet ulterjuri</u>**

Fil-Pag 594 tat-Tieni Volum ta` **<u>Principles of Maltese Company Law</u>** (MUP – 2019 – Tieni Edizzjoni) **<u>Andrew Muscat</u>** ighid :-

*"The improper purpose will always be to feather the directors` own nests or to preserve their own control, in which case it will also be a breach of the duty to act honestly and in good faith in the best interst of the company. Yet even if the directors act honestly for what they believe to be in the best inteest of the company, they may still be liable for breach of duty if they exercise their powers for a purpose different from that for which the powers would have been conferred upon them."*

Issir ukoll referenza ghall-kaz **<u>Treasure Trove Diamonds Ltd v Hyman</u>** (1928 AD 464 at 479) fejn inghad:

*" … and the directors as occupying a fiduciary position towards the company must exercise those powers bona fide in the best interest of the company as a whole, and not for an ulterior motive …"*

Fuq l-istess linja kien il-pronunzjament **Re Smith and Fawcett Ltd** [1942] Ch 304, [1942] 1 All ER 542 fejn Lord Greene qal :-

*"The principles to be applied in cases where the articles of a company confer a discretion on directors ... are, for present purposes, free from doubt. They must exercise their discretion bona fide in what they consider – not what a court may consider – is in the interests of the company, and not for any collateral purpose. The question, therefore, simply is whether on the true construction of the particular article the directors are limited by anything except their bona fide view as to the interests of the company."*

Fil-kawza **Howard Smith Ltd v Ampol Petroleum Ltd** [1974] AC 821, [1974] UKPC 3, Lord Wilberforce osserva :

*"… to start with a consideration of the power whose excerise is in question … Having ascertained, on a fair view, the nature of this power, and having defined as can best be done in the light of modern conditions the, or some, limits within which it may be exercised, it is then necessary for the court, if a particular exercise of it is challenged, to examine the substantial purpose for which it was exercised, and to reach a conclusion whether that purpose was proper or not. In doing so it will necessarily give credit to the bona fide opinion of the directors, if such is found to exist, and will respect their judgment as to matters of management; having done this, the ultimate conclusion has to be as to the side of a fairly broad line on which the case falls`.*

*…*

*when a dispute arises whether directors of a company made a particular decision for one purpose or for another, or whether, there being more than one purpose, one or another purpose was the substantial or primary purpose, the court, in their Lordships` opinion, is entitled to look at the situation objectively in order to estimate how critical or pressing, or substantial or, per contra, insubstantial an alleged requirement may have been. If it finds that a particular requirement, though real, was not urgent, or critical, at the relevant time, it may have reason to doubt, or discount, the assertions of individuals that they acted solely in order to deal with it, particularly when the action they took was unusual or even extreme.`*

…

*it is correct to say that where the self-interest of the directors is involved, they will not be permitted to assert that their action was bona fide thought to be, or was, in the interest of the company` pleas to this effect have invariably been rejected just as trustees who buy trust property are not permitted to assert that they paid a good price. No more, in their Lordships` view, can this be done by the use of a phrase – such as `bona fide in the interest of the company as a whole` or `for some corporate purpose.*

…

*The question which arises is sometimes not a question of the interest of the company at all, but a question of what is fair as between different classes of shareholders*.`

Fil-Pag 202-203 ta` **Company Law** (OUP – 2016) **Brenda Hannigan** tghid illi :-

*"Having carried out this exercise and identified the actual purpose for which the power was exercised, that actual purpose then has to be measured against the range of*

*permissible purposes for the exercise of that power, as indicated by the articles or ascertained by the court, in order to decide whether that actual exercise was proper. Provided that the substantial purpose for which the power was exercised is a proper purpose, the exercise of the power is not invalidated by the presence of some other imporper, but insubstantial, purpose. For example, some incidental benefit obtained by a director does not invalidate the exercise of the power unless his self-interest was the substantial purpose for the exercise of the power. Equally, if the substantial purpose was improper, a director`s honest belief that he was acting in the interests of the company, is insufficient to validate the exercise of the power.*

*…*

*As is clear from Howard Smith Ltd v Ampol Petroleum Ltd the courts are alert to attempts by the directors to manipulate control of the company by the improper exercise of the power to allot shares."*

**c)** **L-ilmenti**

Delineati l-obbligi tad-diretturi, il-qorti sejra tghaddi biex tqis l-ilmenti tar-rikorrenti li **fis-sostanza** kienu :-

- Illi la thejjew u lanqas kienu prezentati *audited financial statements.*
- Illi l-kumpanniji baqghu joperaw b`direttur wiehed biss ghal zmien twil sakemm wara li saret din il-kawza, inhatar Salvino Debono minn ibnu l-intimat bhala t-tieni direttur.
- Ir-rifjut tal-intimat li jirregistra lir-rikorrenti bhala azzjonisti wara l-mewt ta` Joseph Saliba.

**i)** **L-*audited financial statements***

1. **Dritt**

Il-Qorti tirreferi ghall-**Art 183 tal-Kap 386** ghax ghandu rilevanza ghall-ilment tar-rikorrenti.

Id-disposizzjoni tghid hekk :-

*(1) Id-diretturi ta` kumpannija ghandhom jikkonsenjaw lir-Registratur ghar-registrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija imqieghda quddiem il-kumpannija f`laqgha generali kif specifikat fl-artikolu 181 flimkien ma` kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi zmien tnejn u erbghin jum mit-tmiem taz-zmien ghat-tqeghid tal-kontijiet annwali preskritt bl-artikolu 182. Meta kopja tal-kontijiet annwali, ir-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi jigu konsenjati lir-Registratur b`xi mezz elettroniku, minghajr pregudizzju ghall-htigiet tal-artikoli 176(3), 178(3) u 179(6), dik ilkopja elettronika ghandha tigi awtentikata skont l-artikolu 82.*

*(2) Meta, skont l-artikolu 185, kumpannija tikkwalifika biex taghmel kontijiet annwali mqassra dwar zmien ta` kontijiet id-diretturi tal-kumpannija jistghu jikkonsenjaw lir-Registratur kontijiet annwali mqassra dwar dak iz-zmien ta` kontijiet u dik il-konsenja tissodisfa l-obbligu tal-kumpannija taht is-subartikolu (1) :*

*Izda meta l-kumpannija li tikkwalifika li taghmel kontijiet annwali mqassra tkun kumpannija ezentata, din tista` tikkonsenja lir-Registratur il-karta tal-bilanc mqassra taghha biss, in-noti kollha tal-kontijiet li jkollhom x`jaqsmu mal-karta tal-bilanc u r-rapport tal-awdituri, u dan minghajr ir-rapport tad-diretturi :*

*Izda wkoll meta l-kumpannija ezentata li tikkwalifika li taghmel kontijiet imqassra tkun kumpannija msemmija fl-artikolu 185(1)(b), din tista` tikkonsenja lir-Registratur il-karta tal-bilanc imqassra taghha biss u n-noti kollha mal-kontijiet rilevanti ghall-finijiet tal-karta tal-bilanc, u minghajr rapport tad-diretturi u rapport tal-awdituri.*

*(3) Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 185(10) ikunu wkoll mehtiega meta, minkejja li l-kontijiet annwali ma jkunux saru fil-forma mqassra, id-diretturi jiehdu vantagg mill-ezenzjonijiet moghtija bis-subartikolu (2) dwar il-konsenja tal-kontijiet f`forma mqassra.*

*(4) Meta d-diretturi ta` kumpannija jipproponu li jiehdu vantagg tal-ezenzjonijiet moghtija bis-subartikolu (2), l-awdituri jkollhom id-dmir li jipprovdu lid-diretturi b`rapport specjali tal-awdituri li jiddikjara jekk fil-*

*fehma taghhom il-kumpannija jkollhiex jedd ghal dawk l-ezenzjonijiet kif mitluba fid- dikjarazzjonijiet tad-diretturi u jekk id-dokumenti li jkunu proposti li jkunu konsenjati skont dan l-artikolu jkunux imhejjija b`mod xieraq :*

*Izda r-rapport specjali tal-awdituri ma jkunx mehtieg meta l-kontijiet annwali tal-kumpannija, li dwarhom ikun sar ir-rapport tal-awdituri msemmi fl-artikolu 179, ghandhom ikunu pubblikati kif saru :*

*Izda wkoll, id-disposizzjonijiet ta` dan is-subartikolu ma japplikawx ghal kumpanniji msemmija fl-artikolu 185(1)(b).*

*(5) Il-kontijiet annwali konsenjati ghandu jkollhom maghhom ir-rapport specjali tal-awdituri msemmi fis-subartikolu (4), meta dawn ikunu mehtiega li jsiru skont l-imsemmi subartikolu.*

*(6) Fil-kaz provdut ghalih fis-subartikolu (5) kopja tar-rapport tal-awdituri mhejji taht l-artikolu 179 ma ghandhiex tkun konsenjata separatament izda t-test kollu tieghu ghandu jkun riprodott fir-rapport specjali tal-awdituri; u jekk ir-rapport tal-awdituri mhejji taht l-artikolu 179 ikun kwalifikat, ghandu jkun inkluz fir-rapport specjali tal-awdituri kull materjal iehor mehtieg biex tiftiehem il-kwalifika.*

*(7) L-artikolu 179(4) ghandu japplika ghal rapport specjali talawdituri taht dan l-artikolu kif japplika ghal rapport taht l-artikolu 179.*

*(8) Meta kumpannija, li tkun kumpannija parent, thejji kontijiet konsolidati skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att din ma ghandhiex ghalfejn tinkludi kopja tal-kont tal-qligh u telf taghha mal-kontijiet annwali li ghandhom ikunu konsenjati lir-Registratur kif preskritt fis-subartikolu (1) meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li gejjin -*

*(a) l-applikazzjoni ta` din l-ezenzjoni tintwera fin-noti talkontijiet tal-kumpannija parent u fin-noti tal-kontijiet konsolidati ; u*

*(b) il-qligh jew telf tal-kumpannija parent, stabbilit skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att, ghandu jintwera separat jew fuq il-karta tal-bilanc tal-kumpannija parent jew fin-noti tal-kontijiet tal-kumpannija parent.*

*(9) Jekk xi dokument li jkun parti mill-kontijiet annwali jkunf `xi lingwa barra l-Malti jew l-Ingliz, il-kumpannija ghandha tghaqqad mal-kopja ta` dak id-dokument ikkonsenjat traduzzjoni tieghu jew bil-Malti jew bl-Ingliz, certifikata bhala traduzzjoni korretta f`dak il-mod li jista` jkun preskritt.*

*(10) Fil-kaz ta` nuqqas ta` tharis tad-disposizzjonijiet ta` dan*

*lartikolu,jew meta l-kontijiet annwali konsenjati lir-Registratur ma jharsux id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att, kull ufficjal talkumpannijali jonqos jista` jehel penali, u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas penali ohra. Fil-procedimenti taht dan is-subartikolu ma tistax tingieb prova mid-difiza li d-dokument jew id-dokumenti fil-kwistjoni ma kenux fil-fatt imhejjija kif mehtieg b`dan l-Att.*

Huwa evidenti li skont din id-disposizzjoni kull *ufficjal* tal-kumpannija li jonqos li jibghat id-dokumenti in kwistjoni jista` jkun soggett ghall-penali fissa, u ghal penali addizzjonali ghal kull jum li fih in-nuqqas jibqa` jippersisti.

B`*ufficjal* il-ligi qeghda tinkludi *direttur* [ara l-Art 2(1)].

Ma hemm l-ebda kawsola ta` ezoneru ta` responsabilita`.

**Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn direttur u iehor. Lanqas ma hija selettiva fis-sens illi takkolla responsabilitajiet jew dmirijiet lil direttur ad eskluzjoni ta` direttur iehor. F`ghajnejn il-ligi, id-diretturi huma lkoll meqjusa l-istess.**

Issir referenza wkoll ghall-**Art 176** tal-Kap 386 li jaqra hekk :-

*(1) Il-kontijiet annwali ta` kumpannija ghandhom ikunu approvati mill-bord tad-diretturi u l-karta tal-bilanc ghandha tkun datata u ffirmata f`isem il-bord minn zewg diretturi tal-kumpannija.*

*(2) Kull kopja tal-karta tal-bilanc li titqieghed quddiem il-kumpannija f`laqgha generali, jew li tkun xort`ohra cirkolata, pubblikata jew mahruga, ghandha turi l-isem tad-diretturi li ffirmaw il-karta tal-bilanc f`isem il-bord.*

*(3) Il-kopja tal-karta tal-bilanc tal-kumpannija li ghandha tkun konsenjata lir-Registratur ghandha tkun iffirmata f`isem il-bord mill-istess diretturi li jkunu ffirmaw il-karta tal-bilanc skont issubartikolu (1).*

*(4) Jekk ikunu approvati kontijiet annwali li ma jkunux iharsu l-htigiet ta` dan l-Att, kull direttur tal-kumpannija li jkun parti fl-approvazzjoni taghhom u li jkun jaf li dawn ma jkunux iharsu lhtigiet jew li jittraskura li jara li jkunu jaqblu mal-htigiet jista` jehel penali. Ghal dan l-ghan kull direttur tal-kumpannija li jkun hemm fil-hin tal-approvazzjoni*

*tal- kontijiet jitqies li kien parti flapprovazzjoni taghhom kemm-il darba ma jippruvax li jkun ha l-passi xierqa kollha biex ma jhallix li dawn ikunu approvati.*

*(5) Jekk kopja tal-kontijiet annwali –*

*(a) titqieghed quddiem il-kumpannija, jew xort`ohra tkuncirkolata, pubblikata jew mahruga, minghajr ma tkun iffirmata kif mehtieg b`dan l-artikolu jew minghajr ma jintwera kif mehtieg isem il-firmatarju ; jew*

*(b) tkun konsenjata lir-Registratur minghajr ma tkun iffirmata kif mehtieg b`dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista` jehel penali.*

Kull direttur li jkun membru tal-bord jista` jkun responsabbli ghan-nuqqasijiet li ma jigux sottomessi il-kontijiet, jew ghal nuqqasijiet ohra relatati mal-kontenut ta` dawk il-kontijiet.

Skont l-**Art 150** tal-Kap 386, *kull haga li skont xi disposizzjoni ta` dan l-Att hi mehtiega li ssir minn kumpannija ghandha titqies ukoll li hi mehtiega li ssir mill-ufficjali tal-kumpannija.*

Tajjeb jinghad li dawn huma disposizzjonijiet *of strict application.*

Ir-responsabilita` tad-diretturi hija solidali bejniethom u mal-kumpannija. (ara s-sentenzi li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta` Jannar 2015 fil-kawzi : **Arkitett Mariello Spiteri v. Ir-Registratur tal-Kumpanniji et** : Rik. Nru. 650/08 ; u **Arkitett Mariello Spiteri v. Ir-Registratur tal-Kumpanniji et** : Rik. Nru. 778/08)

## 2. Risultanzi

Karizia kienet registrata fl-4 ta` April 1986 waqt illi The Village kienet registrata fil-25 ta` Marzu 2002.

Fis-26 ta` Jannar 2011, u cioe` sebat ijiem wara li saret din il-kawza, kienu prezentati l-*audited financial statements* taz-zewg

kumpanniji : fil-kaz ta` Karizia ghas-snin ta` bejn l-2003 u l-2008, waqt li fil-kaz ta` The Village ghas-snin ta` bejn l-2002 u l-2006.

Huwa evidenti li ghal numru konsiderevoli ta` snin, iz-zewg kumpanniji baqghu joperaw bla ma kienu ottemperati l-obbligi legali li kellhom. M`ghandux ikun hemm dubju li z-zewg diretturi flimkien, u cioe` Joseph Saliba (illum mejjet) u l-intimat Mario Debono, naqsu bil-goff fil-qadi ta` dmirijiet statutorji taghhom.

Mario Debono mhuwiex skuzabbli meta jghid li kien jafda lil Saliba u li kien ihalli kollox f`idejh. Ma seta` qatt jabdika r-responsabilita` statutorja tieghu u jqeghda fuq spallejn Joseph Saliba.

Tirrimarka li l-*audited financial statements* li gew sottomessi jaslu sal-2006 fil-kaz ta` The Village u sal-2008 fil-kaz ta` Karizia.

**Joseph Saliba miet fil-<u>25 ta` Settembru 2007</u>**.

Minkejja li baqa` jmexxi wahdu, Mario Debono xorta wahda baqa` lura milli jipprezenta *financial statements* aggjornati ghaz-zmien kollu li baqa` jmexxi wahdu.

Il-Qorti tishaq fuq il-kelma "***<u>wahdu</u>***" ghaliex hekk hu.

Nafu mix-xiehda ta` Salvino Debono, missier Mario Debono, li prattikament huwa direttur "***<u>tal-isem</u>***" billi jaghmel kollox ibnu u qieghed fil-bord ghan-"***<u>numru</u>***".

Il-prezentata tal-*financial statements* fis-26 ta` Jannar 2011 jaghti sostenn lit-tesi tar-rikorrenti.

Jirrizulta li b`ittra tal-14 ta` Lulju 2010 Mario Debono talab li ssir valutazzjoni tal-assi ta` Joseph Saliba in bazi tal-ahhar *audited accounts*.

Ir-rikorrenti jaghmlu l-argument illi jekk isir hemm huwa jgarrbu zvantagg konsiderevoli ghaliex kien ser ikun hemm tnaqqis fil-valur tal-assi ladarba l-*accounts* ma kienux thejjew.

**Il-Qorti ssib illi l-ilment tar-rikorrenti huwa fondat u gustifikat ghaliex fl-assenza ta` *audited accounts* <u>aggjornati skont il-ligi</u> ma kienx gust u ekwu li Mario Debono jaghmel dik it-talba multo magis meta ghamel it-talba kien ilu kwazi sentejn imexxi wahdu wara l-mewt ta` Joseph Saliba.**

Ir-rikorrenti sostnew illi l-agir ta` Mario Debono sar in malafede, abbuziv u bi ksur tal-obbligi tieghu. Ighidu li dak l-agir iwassal ghal pregudizzju gravi tal-interessi taghhom.

Mario Debono laqa` ghal dan kollu billi ressaq provi sabiex juri li l-mejjet Joseph Saliba agixxa hazin billi ghamel sottrazzjonijiet sostanzjali mill-flejjes tal-kumpannija, bil-mohbi tieghu.

L-intimat jishaq illi kien bis-sahha biss tal-intervent tieghu illi s-sitwazzjoni giet salvata ghalkemm illum, wara tant zmien ghad fadal pendenti djun u proceduri legali.

Sahansitra ressaq bhala prova prospett li juri l-*cash injections* li huwa ghamel personalment favur il-kumpanniji.

Bla tlaqlieq l-intimat xehed illi jekk ir-rikorrenti jridu l-ishma ta` Joseph Saliba by *transmission* iridu jerfghu sehemhom mid-djun tal-kumpanniji.

Ghalkemm forsi wiehed jifhem ghaliex l-intimat gab ruhu hekk mar-rikorrenti, fl-istess waqt ma huwa permess lil hadd li jiddeciedi li jkun `il fuq mil-ligi jew li jippretendi li c-cirkostanzi jaghtu jedd li jiehu l-ligi

b`idejh. Hekk ghamel l-intimat meta rrifjuta r-registrazzjoni tar-rikorrenti qua azzjonisti u membri tal-kumpanniji.

**Din mhijiex civilita` guridika izda l-ligi tal-gungla li mhijiex accettabbli f`socjeta` bhal taghna li hija fondata fuq is-saltna tad-dritt.**

## ii) <u>Direttur wiehed</u>

Skont l-M&A il-quorum tal-bord tad-diretturi huwa tnejn.

Ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-Art 64 ta` Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kap 386.

Ighidu li din id-disposizzjoni ma kenitx eskluza mill-M&A u ghalhekk issib applikazzjoni fil-kaz tal-lum.

Id-disposizzjoni taqra :-

> "*Id-diretturi li jkunu baqghu fil-kariga jistghu jagixxu ghal kemm ikun hemm xi vakanza fil-korp taghhom, izda jekk u sakemm in-numru taghhom ma jinzilx taht in-numru stabbilit jew skont ir-regolamenti tal-kumpannija bhala l-quorum ta` diretturi mehtieg, id-diretturi jew direttur li jkun baqa` fil-kariga jista` jagixxi biex izid in-numru ta` diretturi ghal dak in-numru, jew biex isejjah laqgha generali tal-kumpannija, izda ghal ebda skop iehor.*"

Karizia u The Village kienu kostitwiti minn Joseph Saliba u Mario Debono ; tal-ahhar kien l-azzjonista bil-maggoranza tal-ishma fiz-zewg kumpanniji. Id-diretturi kienu Mario Debono u Joseph Saliba wkoll. B`hekk fil-bord tad-diretturi kien hemm l-istess persuni li kienu l-azzjonisti.

Bejn il-mewt ta` Joseph Saliba fil-25 ta` Settembru 2007 sal-24 ta` Jannar 2011 (meta sar direttur missieru Salvino Debono, l-intimat Mario Debono baqa` l-uniku direttur u baqa` jmexxi wahdu, nonostante l-M&A.

Lil hinn mill-kondotta ta` Joseph Saliba fiz-zmien li kien direttur u azzjonista tal-kumpanniji, jibqa` l-fatt illi wara li miet, ma kien appuntat hadd in sostituzzjoni tieghu ghal aktar minn tliet snin, u t-tieni direttur li nhatar ma kellu ebda konnessjoni mal-familja Saliba izda kien addirittura missier l-intimat. Mhux biss hekk, izda mid-deposizzjoni ta` Salvino Debono, irrizulta li sar jaf li kien inhatar direttur wara li l-intimat kien irranga kollox.

Tajjeb jinghad li skont dokumenti li r-rikorrenti pprezentaw man-nota ta` sottomissjonijiet taghhom jidher illi Salvino Debono rrizenja minn direttur b`effett mill-31 ta` Jannar 2019. B`hekk it-tmexxija tal-kumpanniji regghet ghal li kienet fiz-zmien ta` bejn id-data tal-mewt ta` Joseph Saliba u d-data tal-hatra ta` Salvino Debono bhala direttur, u cioe` b`Mario Debono bhala l-uniku direttur taz-zewg kumpanniji.

**Anke jekk Mario Debono jaghti r-ragunijiet tieghu, il-kondotta tieghu tmur mhux biss kontra l-pattijiet tal-M&A izda kontra l-ligi [Art 64, Taqsima I, l-Ewwel Skeda, Kap 386].**

Il-ligi hija cara.

Meta l-ghadd ta` diretturi jinzel taht il-quorum, id-direttur (fil-kaz tal-kumpanniji de qua) li jkun baqa` fil-kariga jista` jwettaq biss zewg azzjonijiet : i) jagixxi sabiex jahtar kemm diretturi huma mehtiega sabiex jintlahaq il-quorom ; ii) isejjah laqgha generali tal-kumpannija.

L-uzu fil-ligi tal-frazi "**<u>izda ghal ebda skop iehor</u>**" ma taghtix lok ghal ekwivoci. Fejn ma jkunx hemm quorum fil-bord, id-direttur jew diretturi li jibqghu fil-kariga huma prekluzi milli jiehdu decizjonijiet dwar affarijiet **<u>ohra</u>** tal-kumpannija.

**Fil-kaz tal-lum, huwa accertat li l-intimat abbuza billi ha decizjonijiet unilaterali li jmorru kemm kontra l-pattijiet tal-M&A kif ukoll kontra l-ligi.**

**Ippersista f`dan l-agir mhux biss fis-snin li ghaddew bejn il-mewt ta` Joseph Saliba u l-hatra ta` Salvino Debono bhala direttur, izda baqa` ghaddej b`dik l-imgieba anke wara r-rizenja ta` Salvino Debono minn direttur sal-lum.**

Mario Debono ghazel li ma jaghtix rikonoxximent lill-eredi ta` Joseph Saliba bhala membri tal-kumpanniji. Minflok ried li ssir valutazzjoni tal-ishma sabiex jakkwista hu l-ishma li kellu Joseph Saliba. Ghal dan kien hemm rifjut totali min-naha tar-rikorrenti.

Jirrizulta ppruvat illi minghajr konsultazzjoni mar-rikorrenti :

i. in-negozju tal-kumpannija baqa` miexi bhal li kieku ma nbidel xejn.

ii. kien hemm u ghad hemm proceduri pendenti quddiem il-qrati dwar djun.

iii. kien hemm negozjati mal-banek dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpanniji.

iv. thejjew, kienu approvati u prezentati *financial statements.*

v. sar bejgh ta`assi.

Biex jiggustifika l-bejgh tal-assi, Mario Debono xehed li hekk sar minhabba pressjoni mill-banek dwar id-djun.

**Lil hinn minn kull motivazzjoni li seta` kellu Mario Debono biex kompla miexi bin-negozju, l-agir tieghu ma jista` qatt isib il-**

**konfort tal-qorti ghaliex mar *ultra vires* nonkuranti l-jeddijiet tal-familja Saliba.**

**iii)** **<u>Ir-rifjut li r-rikorrenti jsiru azzjonisti</u>**

Huwa fatt ippruvat illi Mario Debono ma accettax li r-rikorrenti jsiru azzjonisti wara l-mewt ta` Joseph Saliba.

Huwa fatt ippruvat li l-ishma li kienu registrati f`isem Joseph Saliba f`Karizia u f`The Village kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti esistenti mar-rikorrenti Mary Saliba u li giet fi tmiemha mal-mewt tieghu fil-25 ta` Settembru 2007.

Huwa fatt ippruvat illi registrati f`isem Joseph Saliba f`Karizia kien hemm 2,500 –il sehem *fully paid up* ta` €2.329373 kull sehem, u f`The Village kien hemm registrati 10,000 sehem fully paid up ta` €2.329373 kull sehem.

Huwa wkoll fatt ippruvat li mal-mewt ta` Joseph Saliba kienet intitolata bi dritt ghal nofs l-ishma ta` kull wahda miz-zewg kumpanniji billi l-ishma kollha kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm ma` Joseph Saliba, waqt li Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts" kien l-eredi ta` n-nofs l-iehor tal-ishma li kienu ta` Joseph Saliba de proprio.

Il-*locus standi* tar-rikorrenti sabiex jistitwixxu dan il-procediment kien il-mertu ta` provvediment li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` Gunju 2012, li kien konfermat b`sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Gunju 2013.

L-argument li ngieb mill-intimat huwa li r-rikorrenti ma esprimewx l-interess taghhom li jigu registrati bhala azzjonisti fi zmien tlett xhur mill-mewt ta` Joseph Saliba.

Mill-provi ma tirrizultax talba formali skont l-**<u>Art 4(i)</u>** tal-Articles.

Ir-rikorrenti jilqghu ghall-argument tal-intimat billi jirreferu ghall-Art 21, Taqsima I, l-Ewwel Skeda tal-Kap 386.

Taqra hekk :-

"*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tar-regolament 20, id-diretturi jistghu f`kull zmien jaghtu avviz li jkun jehtieg xi persuna msemmija f`dak ir-regolament li taghzel jew li tkun registrata hija stess jew li tittrasferixxi l-azzjoni, u jekk l-avviz ma jkunx imhares fi zmien disghin gurnata d-diretturi jistghu wara dak iz-zmien izommu l-hlas kollu ta` dividendi, bonuses jew flejjes ohra li jithallsu dwar l-azzjoni sakemm il-htigiet tal-avviz ma jkunux gew imharsa*."

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li Mario Debono qatt baghat avviz lir-rikorrenti.

L-**<u>Art 4(h)</u>** tal-Articles ighid :-:

"*Upon the death of a member, a descendant in direct line and/or any other member of the company, becomes enttled to be registered as holder of the share or shares inherited. Any other person being an heir, shall become entitled for registration only if it is unanimously approved in writing by all the existing members of the company*."

L-uzu tal-frazi "*existing members*" jirreferi specifikament ghall-azzjonisti rimanenti.

Dan jikkuntrasta mad-disposizzjoni tal-**<u>Art 119(4)</u>** tal-Kap 386 li jaqra :-

"*Fuq it-talba tal-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis,* ***<u>il-kumpannija</u>*** *ghandha tirregistra fir-registru taghha*

*tal-membri jew tal-obbligazzjonijiet, skont il-kaz, l-isem u l-indirizz ta` dik il-persuna*." (enfasi mizjuda)

Skont din id-disposizzjoni, hija l-kumpannija li ghandha l-ghazla li tilqa` jew tirrifjura talba ghal registrazzjoni.

L-**<u>Art 119(5)</u>** tal-Kap 386 ighid :

*"Jekk kumpannija tirrifjuta li tirregistra trasmissjoni kif imsemmi fis-subartikolu (4), din ghandha, fi zmien xahrejn mid-data li fiha tkun ipprezentata it-trasmissjoni, tibghat avviz ta` rifjut lill-persuna li lilha l-jedd ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta` kumpannija jkun gie trasmess causa mortis."*

Minn esami tal-istatuti taz-zewg kumpanniji ma jirrizultax illi l-partijiet eskludew l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet fuq riferiti tal-Kap 386.

Anke li kieku kellha tillimita ruhha ghall-Articles, il-qorti ma ssibx gustifikazzjoni fir-rifjut ta` Mario Debono. Barra minn dan, minflok gharraf lir-rikorrenti bir-rifjut li jirregistrahom bhala azzjonisti, talab il-valutazzjoni tal-ishma li kienu registrati fuq Joseph Saliba. Evidentement hsieb Debono kien mill-bidu nett illi jakkwista hu l-ishma li kienu registrati fuq Joseph Saliba bir-rikorrenti jkollhom jiffaccjaw *un fatto compiuto.*

Jirrizulta mill-provi li Mario Debono ltaqa` ma` Mary Saliba bil-ghan illi jilhaq ftehim. Sahansitra stieden lir-rikorrenti sabiex jattendu ghal-laqgha generali annwali tal-kumpanniji.

Ghal diversi ragunijiet ir-relazzjoni kompliet tixxellef.

Ir-rikorrenti jikkontendu li r-rifjut tar-registrazzjoni skatta wara li saret il-kawza Rik. Gur. Nru. 512/2010 JZM li kienet deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta` Jannar 2018 u li ghaddiet in gudikat.

**Il-qorti ssib li jirrizultaw l-ilmenti kollha tar-rikorrenti.**

**Issib ghalhekk illi l-Art 402(1) tal-Kap 386 huwa bbazat sewwa.**

## VI. L-Art 402(3) tal-Kap 386

**Accertat illi l-ilmenti tar-rikorrenti skont l-Art 402(1) tal-Kap huma bbazati sewwa, il-qorti tqis ukoll li jkun gust u ekwu li taghti ordni fl-ambitu tal-Art 402(3) tal-Kap 386.**

Il-qorti tirrileva illi s-subartikolu (3) jakkordalha diskrezzjoni wiesgha sabiex taghti dik l-ordni li tkun gusta u ekwa tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz (ara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Philomena Ellul vs Charles Ellul pro et noe et**"). Id-diskrezzjoni hija talment wiesgha illi sahansitra tista` twarrab t-talbiet specifici li jkunu saru mir-rikorrenti.

Fil-provvediment li nghata fl-1 ta` Awissu 2017 fil-kawza : **Calamatta Cuschieri Investment Services Limited et v. Pefaco International plc et** il-Prim`Awla tal-Qorti Civili irrimarkat :-

> *" … kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-Art 402(3) hija sottoposta ghad-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan ikompli jfisser illi anke jekk issib li jissussisti dak li jghid l-Art 402(1), xejn ma jzomm lill-Qorti milli tapplika rimedju minflok iehor..."*

Fil-Pag. 285 ta` "**Company Law – Theory, Structure and Operation**" (OUP – 1998) **Brian Cheffins** ighid illi Sec 459 (illum Art 94 tal-Companies Act 2006) *provides a judge with broad powers to grant to*

*a successful applicant whatever remedy is appropriate.*

Il-qorti hasbet fit-tul dwar l-ordni li tkun l-aktar gusta u ekwa fic-cirkostanzi.

Fil-kaz **In re Westbourne Galleries Ltd.** (1973) A.C. 360 [op. cit.] Lord Wilberforce irrimarka :

*The words ("just and equitable") are a recognition of the fact that a limited liability company is more than a mere legal entity, with a personality of its own ; that there is room in company law for recognition of the fact that behind it, or amongst it, there are individuals, with rights, expectations and obligations inter se which are not necessarily submerged in the company structure. That structure is defined by the Companies Act (1948) and by the articles of association by which shareholders agree to be bound. In most companies and in most contexts, this definition is sufficient and exhaustive, equally so whether the company is large or small.*

**Ma tarax li jkun gust u ekwu illi jkun hemm ordni tal-bejgh tal-ishma li kellu Joseph Saliba fiz-zewg kumpanniji in kwistjoni.**

Mhijiex sejra tipprocedi b`dan il-mod ghaliex Mario Debono, ghazla tieghu, mexxa z-zewg kumpanniji wahdu bejn id-data tal-mewt ta` Joseph Saliba u d-data tal-hatra ta` Salvino Debono bhala direttur, kif ukoll bejn id-data tar-rizenja ta` Salvino Debono sal-lum.

Lanqas ma hija sejra taghmel ordni ta` din ix-xorta ghaliex l-*audited financial statements* taz-zewg kumpanniji kienu prezentati granet biss wara l-prezentata tal-kawza.

Inoltre l-*audited financial statements* li kienu prezentati huma snin lura u ma hemmx prova li kienu aggjornati.

La huwa *safe and satisfactory* u lanqas gust u ekwu li ssir valutazzjoni ta` ishma minghajr accertament u skrutinju **oggettiv** mhux biss tal-qaghda finanzjarja taz-zewg kumpanniji llum izda tal-istat finanzjarju taghhom kemm ilha ghaddejja l-kawza

**Ghalhekk fil-provvediment taghha tal-lum, filwaqt li sejra tqis b`lenti favorevoli t-talbiet tar-rikorrenti, sejra taghmel dan b`gustizzja u ekwita`, b`harsa lejn il-passat u lejn il-futur taz-zewg kumpanniji, b`mod kemm jista` jkun bilancjat, ghaliex hekk jitlob ukoll mhux biss l-interess kollettiv tal-membri kollha izda wkoll l-interess taz-zewg kumpanniji.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet kif gej :**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni stante li din kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra li baqghu mhux decizi bis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Gunju 2018.**

**Tipprovdi dwar l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-ilmenti tar-rikorrenti skont l-Art 402(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta huma bbazati sewwa.**

**Tiddikjara li jkun gust u ekwu li taghti ordnijiet skont l-Art 402(3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tipprojbixxi lill-intimat Mario Debono fil-vesti tieghu ta` azzjonista tal-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) milli, bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, jixtri jew jakkwista taht kull titolu, in parte jew in toto, l-ishma fiz-zewg kumpanniji li kienu registrati fl-isem tal-azzjonista l-iehor Joseph Saliba, li miet fil-25 ta` Settembru 2007, jekk mhux bl-approvazzjoni u bil-kunsens espress taz-zewg rikorrenti.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tipprojbixxi lill-intimat Mario**

**Debono fil-vesti tieghu ta` segretarju u direttur tal-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) milli bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, jirregistra jew jaccetta r-registrazzjoni tat-trasferiment favur tieghu jew favur terzi, taht kwalunkwe titolu, in parte jew in toto, tal-ishma fuq imsemmija, jekk mhux bl-approvazzjoni u bil-kunsens espress taz-zewg rikorrenti.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tordna li b`effett mil-lum, l-ghadd ta` ishma tal-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) li kienu registrati f`isem Joseph Saliba ghandhom jigu registrati fir-registru tal-membri ta` kull wahda miz-zewg kumpanniji in kwantu ghal nofs minnhom f`isem ir-rikorrenti Maria Saliba, u in kwantu ghan-nofs l-iehor tal-ishma f`isem ir-rikorrent Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts".**

**Riferibbilment ghall-hames talba, tordna li, a tenur tas-subartikolu (5) tal-Art 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, b`effett mil-lum, isiru dawk l-atti kollha ancillari ghar-registrazzjoni tal-ishma kif fuq inghad, jew altrimenti mehtiega fic-cirkostanzi, inkluz l-emendi kollha necessarji fil-memorandum u artikli tal-assocjazzjoni tal-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001).**

**Bla hsara ghall-generalita` ta` din l-ordni, tordna li b`effett mil-lum fil-kumpanniji The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) :-**

**a) L-amministrazzjoni u t-tmexxija taz-zewg kumpanniji ghandha tkun vestita f`zewg bordijiet ta` diretturi li jkunu kostitwiti minn zewg persuni biss.**

**b) Iz-zewg persuni li ghandhom jagixxu bhala diretturi ghandhom ikunu r-rikorrent Michael Debono u l-intimat Mario Debono, b`dan illi f`kull zmien Mario Debono bhala membru jkollu dritt li jahtar direttur wiehed in sostituzzjoni tieghu, waqt li z-zewg rikorrenti bhala membri flimkien ikollhom id-dritt li jahtru direttur wiehed in sostituzzjoni ta` Michael Debono.**

**c) Ebda att ma jista` jsir fiz-zewg kumpanniji jekk ma jkunx approvat miz-zewg diretturi. Fin-nuqqas, dak l-att ikun null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**